



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/289 tad-19 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/290 tad-19 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi l-format għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-produtturi ta' tagħmir elettriku u elettroniku lir-reġistru ⁽¹⁾** 6
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/291 tad-19 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-naftilaċetamid, aċidu 1-naftilaċetiku, akrinatrina, ażossistrobina, fluważifop p, fluroksipir, imażalil, krezoksime-metil, ossifluworfen, prokloraż, proeżadjon, spiroksamina, teflutrin u terbutilażina ⁽¹⁾** 17

DEĊIŻONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/292 tat-12 ta' Frar 2019 dwar l-awtorizzazzjoni għar-rilaxx ta' informazzjoni klassifikata tal-UE lil Stati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali** 20
- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/293 tat-8 ta' Novembru 2018 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.43785 (2018/C) (ex 2015/PN, ex 2018/NN) implimentata mir-Rumanija għar-ristrutturar ta' Complexul Energetic Hunedoara (notifikata bid-dokument C(2018) 7308) ⁽¹⁾** 22
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/294 tat-18 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi l-lista tat-territorji u tal-pajjiżi terzi awtorizzati biex l-Unjoni timporta minnhom klieb, qtates u inmsa, u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal dawn l-importazzjonijiet (notifikata bid-dokument C(2019) 1059) ⁽¹⁾** 41

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/289

tad-19 ta' Frar 2019

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajjnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajjnuna mill-Istat orizzontali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1)(a) u (b) tiegħu,

Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 6 u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2015/1588 ⁽²⁾,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajjnuna mill-Istat,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 ⁽³⁾ jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern u huma eżentati mir-rekwiżit li jridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni qabel ma jingħataw.
- (2) Ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat stabbiliti fl-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") japplikaw għall-appoġġ previst skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, bl-eċċezzjoni tal-pagamenti u tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.
- (3) Għalhekk, bis-saħħa tal-Artikolu 42 tat-Trattat, ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat ma japplikawx għall-appoġġ għall-iżvilupp rurali marbut mal-produzzjoni, mal-ipproċessar u mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.
- (4) Madankollu, ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat japplikaw għall-appoġġ għall-iżvilupp rurali għal attivitajiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat, kemm fir-rigward tal-parti kofinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif ukoll fir-rigward tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali.
- (5) Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 702/2014 ġew allinjati ma' dawk tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fil-kuntest tal-aħħar rieżami tal-għajjnuna mill-Istat tal-Unjoni fl-2014, sabiex jiġu ffaċilitati l-proċeduri tal-għajjnuna mill-Istat applikabbli għas-settur tal-forestrija u għal attivitajiet mhux agrikoli fiż-żoni rurali.

⁽¹⁾ ĠUL 248, 24.9.2015, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 421, 21.11.2018, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajjnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠUL 193, 1.7.2014, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 487).

- (6) L-allinjament tar-regoli bejn ir-Regolament (UE) Nru 702/2014 u r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa affettwat mid-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018 tar-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, li emenda wħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 li huma riflessi fir-Regolament (UE) Nru 702/2014.
- (7) B'riżultat ta' dan, il-kundizzjonijiet biex tiġi eżentata l-ghajjnuna mill-Istat skont l-Artikoli 32, 33, 35, 38 sa 41, u 44 sa 48, tar-Regolament (UE) Nru 702/2014 ma għadhomx jikkorrispondu kompletament mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Għaldaqstant, jixraq li dawk ir-regoli jiġu adattati sa fejn huwa meħtieġ biex tinżamm il-possibbiltà li jiġi eżentat l-appoġġ għall-iżvilupp rurali min-notifika bl-istess mod kif sar sa issa.
- (8) Jenħtieġ li l-Artikolu 1(5)(a) u (b) jiġi allinjat mal-Artikolu 1(4)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ⁽⁶⁾, kif emendat bir-Regolament (UE) 2017/1084 ⁽⁷⁾.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 702/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 702/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1(5), il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:
- “(a) l-iskemi ta' ghajjnuna li ma jeskludux espliċitament il-pagament ta' ghajjnuna individwali favur impriża li tkun soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara Deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li ghajjnuna mogħtija mill-istess Stat Membru tkun illegali u inkompatibbli mas-suq intern;
- (b) ghajjnuna *ad hoc* għal impriża msemmija fil-punt (a)”;
- (2) fl-Artikolu 6(5), jiżdied il-punt (j) li ġej:
- “(j) ghajjnuna għall-parteċipazzjoni ta' bdiewa attivi fl-iskemi ta' kwalità għall-qoton u għall-oġġetti tal-ikel meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 48”;
- (3) l-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 8, fl-ewwel subparagrafu, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Għajr meta l-apoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, l-ghajjnuna għall-afforestazzjoni u għall-ħolqien ta' msaġar b'rabta ma' operazzjonijiet ta' investment għandha tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin.”;
- (b) fil-paragrafu 9, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:
- “L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-ghajjnuna li tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji.”;
- (4) l-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “L-ghajjnuna għas-sistemi ta' agroforestrija għandha tkopri l-ispejjeż tal-istabbiliment, tar-riġenerazzjoni jew tar-rinnovazzjoni, u primjum annwali għal kull ettaru.”;
- (b) fil-paragrafu 5, fl-ewwel subparagrafu, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Għajr meta l-apoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, l-ghajjnuna għas-sistemi tal-agroforestrija relatati ma' operazzjonijiet ta' investment, għandha tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin.”;

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti (ĠUL 350, 29.12.2017, p. 15).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' ghajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠUL 187, 26.6.2014, p. 1).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ghajjnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta' notifika għal ghajjnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u ghajjnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta' ghajjnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli (ĠUL 156, 20.6.2017, p. 1).

- (c) fil-paragrafu 6, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:
- “L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-ghajjnuna li tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji.”;
- (d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “7. L-ispejjeż li ġejjin għall-istabbiliment, għar-riġenerazzjoni jew għar-rinnovazzjoni tas-sistemi tal-agroforestrija jstgħu jkunu eliġibbli:
- (a) l-ispejjeż tat-tħawwil tas-siġar, inklużi l-ispejjeż tal-materjal tat-tħawwil, tal-pjantaġġun, tal-ħażna u tat-trattamenti tan-nebbieta bil-materjali neċessarji ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni;
- (b) l-ispejjeż tal-konverżjoni ta' foresti eżistenti jew ta' msaġar oħrajn, inklużi l-ispejjeż tat-tqaċċit tas-siġar, tal-irmondar u taż-żbir u tal-protezzjoni kontra animali li jirgħu;
- (c) spejjeż oħrajn marbutin direttament mal-istabbiliment, mar-riġenerazzjoni jew mar-rinnovazzjoni ta' sistema tal-agroforestrija bħalma huma spejjeż għal studji ta' fattibbiltà, għal pjan ta' stabbiliment, għal eżami tal-ħamrija, għall-preparazzjoni u għall-protezzjoni tal-ħamrija;
- (d) l-ispejjeż tas-silvipastoral, jiġifieri l-faċilitajiet ta' tisqija u ta' protezzjoni għas-sistema tar-raqha;
- (e) l-ispejjeż tat-trattament neċessarju konness mal-istabbiliment, mar-riġenerazzjoni jew mar-rinnovazzjoni ta' sistema ta' agroforestrija, inklużi t-tisqija u l-qtuġh;
- (f) l-ispejjeż tat-tħawwil mill-ġdid matul l-ewwel sena wara l-istabbiliment, ir-riġenerazzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' sistema ta' agroforestrija.”;
- (e) fil-paragrafu 9, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-għadd minimu u massimu ta' siġar f'kull ettaru, billi jitqies dan li ġej:”;
- (f) fil-paragrafu 11, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:
- “(a) 80 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' investiment u tal-ispejjeż għall-istabbiliment, għar-riġenerazzjoni jew għar-rinnovazzjoni msemmija fil-paragrafi 5 u 7; u”;
- (5) l-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 5, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:
- “L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-ghajjnuna li tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji.”;
- (b) fil-paragrafu 6, fl-ewwel subparagrafu, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Għajr meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, l-ghajjnuna għandha tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin:”;
- (c) fil-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Għajr meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, l-ispejjeż, ħlief dawk li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 6(a) u (b) marbuta ma' kuntratti ta' kiri, bħal marġni tal-lokatur, spejjeż ta' finanzjament mill-ġdid tal-imgħax, spejjeż ġenerali u tariffi tal-assigurazzjoni, ma għandhomx jitqiesu li huma spejjeż eliġibbli.”;
- (6) L-Artikolu 38(2) huwa emendat kif ġej:
- (a) fl-ewwel subparagrafu, tiżdied it-tieni sentenza li ġejja:
- “L-infrastruttura installata minħabba' dimostrazzjoni tista' tintuża wara li titlesta l-operazzjoni.”;
- (b) jiżdied ir-raba' subparagrafu li ġej:
- “L-ghajjnuna għall-proġetti ta' dimostrazzjoni li tkun kofinanzjata fil-qafas tal-FAEŻR jew li tingħata bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal din l-ghajjnuna, u li tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, tista' tkopri l-ispejjeż eliġibbli għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 3(b), dment li l-ispejjeż ikunu kompletament eliġibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u dment li l-ghajjnuna tkun identika għall-miżura sottostanti inkluża fil-programm ta' żvilupp rurali approvat skont dak ir-Regolament.”;
- (7) Fl-Artikolu 39(4) jiddaħħal dan it-tielet subparagrafu:
- “L-ghajjnuna li tkun ikkofinanzjata skont il-FAEŻR, jew li tingħata bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal dan it-tip ta' ghajjnuna kkofinanzjata, tista' titħallas lill-Awtorità ta' Ġestjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.”;

(8) l-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

“L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-għajnuna li tingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji.”;

(b) fil-paragrafu 6, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għajr meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji, l-għajnuna għandha tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin.”;

(c) fil-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għajr meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji, l-ispejjeż, ħliet dawk li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 6(a) u (b) marbuta ma’ kuntratti ta’ kiri, bħal marġni tal-lokatur, spejjeż ta’ finanzjament mill-ġdid tal-imgħax, spejjeż ġenerali u tariffi tal-assigurazzjoni, ma għandhomx jitqiesu li huma spejjeż eliġibbli.”;

(9) l-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

“L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-għajnuna li tingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji.”;

(b) fil-paragrafu 6, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għajr meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji, l-għajnuna għandha tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin.”;

(c) fil-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għajr meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji, l-ispejjeż, ħliet dawk li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 6(a) u (b) marbuta ma’ kuntratti ta’ kiri, bħal marġni tal-lokatur, spejjeż ta’ finanzjament mill-ġdid tal-imgħax, spejjeż ġenerali u tariffi tal-assigurazzjoni, ma għandhomx jitqiesu li huma spejjeż eliġibbli.”;

(d) fil-paragrafu 9, it-tieni, it-tielet u r-raba’ subparagrafi huma sostitwiti b’dan li ġej:

“Għajr meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-investimenti f’infrastrutturi tal-enerġija rinnovabbli li jikkunsmaw jew li jipproduċu l-enerġija għandhom jikkonformaw mal-istandards minimi għall-effiċjenza fl-enerġija fejn dawn l-istandards jeżistu fil-livell nazzjonali;

(b) l-investimenti f’installazzjonijiet, li l-iskop primarju tagħhom huwa l-produzzjoni tal-elettriku mill-bijomassa, ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-għajnuna sakemm ma jintużax perċentwal minimu ta’ enerġija termali li jrid jiġi stabbilit mill-Istati Membri;

(c) l-għajnuna għall-proġetti ta’ investiment fil-bijoenerġija għandha tiġi limitata għall-bijoenerġija li tissodisfa l-kriterji tas-sostenibbiltà applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inklużi fl-Artikolu 17(2) sa (6) tad-Direttiva 2009/28/KE.”;

(10) l-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

“L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-għajnuna li tingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji.”;

(b) fil-paragrafu 7, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għajr meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji, l-għajnuna għandha tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin.”;

(c) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għajr meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji, l-ispejjeż, ħliet dawk li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 7(a) u (b) marbuta ma’ kuntratti ta’ kiri, bħal marġni tal-lokatur, spejjeż ta’ finanzjament mill-ġdid tal-imgħax, spejjeż ġenerali u tariffi tal-assigurazzjoni, ma għandhomx jitqiesu li huma spejjeż eliġibbli.”;

(11) l-Artikolu 45 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 6 nżied it-tielet subparagrafu li ġej:

“Il-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju għandu jkollu durata massima ta’ ħames snin”.

(b) fil-paragrafu 7, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-għajnuna għandha titħallas f’minn tal-inqas żewġ ħlasijiet parzjali.”;

(12) fl-Artikolu 46(5), it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-għajjnuna għandha titħallas lill-fornitur tas-servizzi konsultattivi jew lill-Awtorità ta' Ġestjoni msemija fil-punt (a) tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.”;

(13) L-Artikolu 47(3) huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, tiżdied it-tieni sentenza li ġejja:

“L-infrastruttura installata minħabba' dimostrarzjoni tista' tintuża wara li titlesta l-operazzjoni.”;

(b) jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

“L-għajjnuna għall-proġetti ta' dimostrarzjoni li tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, tista' tkopri spejjeż eliġibbli oħrajn għajr dawk imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 4, dment li l-ispejjeż ikunu eliġibbli kompletament skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013.”;

(14) l-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-għajjnuna għal parteċipazzjoni ġdida, jew għal parteċipazzjoni fil-ħames snin preċedenti, ta' bdiewa attivi u gruppi ta' bdiewa li joperaw bħala SMEs fi skemi ta' kwalità għall-qoton jew għall-oġġetti tal-ikel, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tiegħu meta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I ta' dan ir-Regolament.”;

(b) fil-paragrafu 6, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

“Jekk il-parteeċipazzjoni tal-bidu fl-iskema ta' kwalità tkun bdiet qabel l-applikazzjoni għall-appoġġ, il-perjodu massimu ta' ħames snin għandu jitnaqqas bin-numru ta' snin li jkunu għadew bejn il-parteeċipazzjoni tal-bidu u ż-żmien tal-applikazzjoni għall-appoġġ.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/290**tad-19 ta' Frar 2019****li jistabbilixxi l-format għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-produtturi ta' tagħmir elettriku u elettroniku lir-reġistru****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

- (1) Struttura u format armonizzati tad-*data* għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-produtturi ta' tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) għall-Istati Membri kollha se jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-produtturi li joperaw fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell ta' bosta Stati Membri.
- (2) Sabiex jiġu armonizzati l-prattiki applikati mill-Istati Membri għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar, il-format għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar jenħtieġ li jintuża mill-produtturi kollha, inkluż il-produtturi li jipprovdu l-EEE permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod jew, meta jkunu maħtura, minn rappreżentanti awtorizzati, u mir-reġistri kollha mfassla fl-Istati Membri skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2012/19/UE.
- (3) Il-format għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar jenħtieġ li jistabbilixxi l-elementi ta' informazzjoni ewlenin li jridu jintalbu skont l-Artikolu 16(2) u l-Anness X tad-Direttiva 2012/19/UE għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar mill-produtturi jew, meta jkunu maħtura, mir-rappreżentanti awtorizzati. Jenħtieġ ukoll li jippermetti li jkunu jistgħu jintalbu elementi limitati ta' informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru fejn il-produttur ikun reġistrat u li lili jirrapporta. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali, it-tali rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali jenħtieġ li jirrigwardaw biss l-entrati li qabel kienu identifikati hekk fil-format innifsu.
- (4) Filwaqt li l-Parti B.5 tal-Anness X tad-Direttiva 2012/19/UE jeżiġi wkoll li kull produttur jew, meta jkunu maħtura, kull rappreżentant awtorizzat jirrapportaw fuq il-WEEE miġbur b'mod separat, riċiklat (inkluż imħejji għall-użu mill-ġdid), irkuprat u mormi fl-Istat Membru jew ittrasportat ġewwa l-Unjoni jew barra minnha, l-informazzjoni korrispondenti li trid tiġi rrapportata lill-Kummissjoni tinġabar fl-Istati Membri mingħand sorsi differenti. F'dan ir-rigward, l-armonizzazzjoni tal-formati għar-rappurtar iżidu l-piż amministrattiv għall-produtturi, filwaqt li fl-istess ħin ma tkunx meħtieġa fir-rigward tal-objettiv tar-Regolament ta' Implimentazzjoni attwali.
- (5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw minn data li tippermetti li jsiru l-arranġamenti prattiċi għar-reġistri u għall-produtturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, u jenħtieġ li tkun fil-bidu ta' sena kalendarja.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Format għar-reġistrazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri mfassla skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2012/19/UE:
 - (a) jużaw il-format stabbilit fl-Anness I, il-Parti A, għar-reġistrazzjoni tal-produtturi;
 - (b) jużaw il-format stabbilit fl-Anness I, il-Parti B, għar-reġistrazzjoni tar-rappreżentanti awtorizzati.

⁽¹⁾ ĠUL 197, 24.7.2012, p. 38.⁽²⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠUL 312, 22.11.2008, p. 3).

2. L-Istati Membri għandhom jitolbu l-elementi ta' informazzjoni ewlenin identifikati hekk fil-formati stabbiliti fl-Anness I.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu elementi ta' informazzjoni addizzjonali identifikati hekk fil-formati stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 2

Format għar-rappurtar lir-reġistru ta' Stat Membru dwar data relatata mal-EEE mqiegħed fis-suq tiegħu

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri mfassla skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2012/19/UE jużaw il-format stabbilit fl-Anness II għar-rappurtar mill-produtturi jew mir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, meta jkunu maħtura skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2012/19/UE, lir-reġistru dwar id-*data* relatata mal-EEE mqiegħed fis-swieq tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jitolbu l-elementi ta' informazzjoni ewlenin identifikati hekk fil-format stabbilit fl-Anness II.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu elementi ta' informazzjoni addizzjonali identifikati hekk fil-format stabbilit fl-Anness II.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Format għar-reġistrazzjoni fi Stat Membru

L-elementi ta' informazzjoni ewlenin huma mmarkati b"“M”.

L-elementi ta' informazzjoni li jiddependu fuq filtru mmarkati b"“F” huma parti mill-elementi ta' informazzjoni ewlenin iżda japplikaw biss meta fl-element ta' informazzjoni preċedenti tkun intgħażlet tweġiba speċifika.

L-elementi ta' informazzjoni addizzjonali huma mmarkati b"“M*”.

PARTI A

Format għar-reġistrazzjoni ta' produttur

Elementi ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Tip ta' element ta' informazzjoni
Isem il-produttur:	L-isem uffiċjali tal-produttur marbut man-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa nazzjonali jew mal-kodiċi/numru ta' identifikazzjoni pprovdut meta ssir reġistrazzjoni fir-reġistru tan-negozju fl-Istat Membru.	
— Jekk il-produttur ikun persuna ġuridika (kumpanija), ipprovdni isem il-kumpanija		F
— Jekk il-produttur ikun persuna fiżika, ipprovdni: — L-isem — Il-kunjom		F
L-isem kummerċjali tal-produttur	L-isem li juża l-produttur għall-iskopijiet ta' reklamar u bejgħ, li huwa differenti mill-isem ġuridiku fl-artikli tiegħu ta' inkorporazzjoni jew dokumenti uffiċjali oħra.	M*
Indirizz legali tal-produttur:	Indirizz uffiċjali tal-produttur.	
— L-isem tat-triq		M
— In-numru tat-triq		M
— Il-kodiċi postali		M
— Il-post		M
— Il-provinċja		M*
— Il-muniċipalità		M*
— URL tas-sit web (jekk jeżisti sit web)		M
Il-kategoriji tal-fatturat annwali tal-EEE	Indikazzjoni tal-fatturat annwali tal-produttur. L-Istati Membri li jitolbu dan l-element ta' informazzjoni jridu jipprovdni "kategoriji tal-fatturat annwali tal-EEE" differenti sabiex il-produttur ikun jista' jagħżel il-kategorija rilevanti.	M*
Il-persuna ta' kuntatt tal-produttur	Il-persuna assoċjata mal-produttur bħala punt ta' kuntatt. Din il-persuna hija individwu li jintgħażel bħala l-punt ta' kuntatt inizjali jew regolari għal dak il-produttur.	
— L-isem		M
— Il-kunjom		M

Elementi ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Tip ta' element ta' informazzjoni
— In-numru tat-telefown	In-numru tat-telefown tan-negozju.	M
— L-email	L-email tan-negozju.	M
— L-indirizz	L-indirizz tan-negozju tal-persuna ta' kuntatt.	
— L-isem tat-triq		M
— In-numru tat-triq		M
— Il-kodiċi postali		M
— Il-post		M
— Il-provinċja		M*
— Il-muniċipalit		M*
Il-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali/il-kodiċi ta' reġistrazzjoni tan-negozju	Għall-produtturi li jkunu persuni ġuridiċi, il-kodiċi/in-numru ta' identifikazzjoni pprovdut meta ssir ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tan-negozju fl-Istat Membru.	F
In-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa nazzjonali	In-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tal-produttur fl-Istat Membru.	M*
Informazzjoni ta' identifikazzjoni oħra	Għall-produtturi stabbiliti fil-pajjiżi terzi, numru/kodiċi ta' reġistrazzjoni uffiċjali.	F
Kategorija/kategoriji tal-EEE	Deskrizzjoni tal-kategorija jew tal-kategoriji tal-EEE li l-produttur iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru skont in-numru skont l-Anness III tad-Direttiva 2012/19/UE.	M
Subkategorija/subkategoriji tal-EEE	Deskrizzjoni tas-subkategorija jew tas-subkategoriji tal-EEE li l-produttur iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru kif applikata fl-Istat Membru.	M*
Tip ta' EEE (tagħmir domestiku jew mhux tagħmir domestiku)	Għal kull waħda mill-kategoriji jew, jekk japplikaw, is-subkategoriji tal-EEE li l-produttur iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru, l-indikazzjoni ta' "tagħmir domestiku" jew "mhux tagħmir domestiku".	M*
L-isem tal-marka tal-EEE	Għal kull waħda mill-kategoriji jew, jekk japplikaw, is-subkategoriji tal-EEE li l-produttur iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru, l-isem adottat b'mod arbitrarju li jingħata minn produttur lill-EEE biex jiddistingwih bħala magħmul jew mibjugħ minn dak il-produttur u li jista' jintuża u jiġi protett bħala marka tal-fabbrika.	M*
Ir-responsabbilt tal-produttur	Informazzjoni dwar kif il-produttur jissodisfa r-responsabbiltajiet stabbiliti fid-Direttiva 2012/19/UE fl-Istat Membru. Jekk l-istess produttur ikun stabbilixxa skema ta' konformit individwali għal ċerti kategoriji tal-EEE u jkun ingħaqad ma' skema ta' konformit kollettiva għal kategoriji oħrajn, jenħtieġ li jiġu indikati t-tnejn.	
Il-produttur stabbilixxa skema ta' konformit individwali. Iva/Le		M
Jekk it-tweġiba hija "Iva", ipprovidi aktar informazzjoni dwar l-iskema ta' konformit individwali.	Deskrizzjoni tal-informazzjoni addizzjonali li l-produttur għandu jissottometti b'rabta mal-iskema ta' konformit individwali.	M*

Elementi ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Tip ta' element ta' informazzjoni
Il-produttur ingħaqad ma' skema(i) ta' konformità kollettiva(i). Iva/Le		M
Responsabbiltà finanzjarja:	Informazzjoni dwar il-forma tal-garanzija li jipprovdi kull produttur meta jqiegħed prodott fis-suq tal-Istat Membru skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2012/19/UE.	
Il-produttur jipparteċipa fi skema ta' konformità kollettiva waħda jew aktar. Iva/Le		M
Il-produttur jipprovdi assigurazzjoni għar-riċiklaġġ. Iva/Le		M
Il-produttur jipprovdi kont tal-bank imblokkat. Iva/Le		M
Oħra (speċifika)	Jekk il-garanzija finanzjarja fi Stat Membru ma jkollha l-ebda waħda mill-forom imsemmija hawn fuq, il-produttur għandu jiddeskrivi l-forma tal-garanzija.	F
Bejgħ mill-bogħod:		
Il-produttur juża l-bejgħ mill-bogħod biex ibiġħ l-EEE direttament lill-unitajiet domestiċi privati jew lill-utenti għajr l-unitajiet domestiċi privati fi Stat Membru ieħor. Iva/Le	Il-produttur stabbilit fl-Istat Membru għandu jindika jekk, fi żmien ir-reġistrazzjoni, ikunx ibiġħ l-EEE wkoll permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod direttament lill-unitajiet domestiċi privati jew lill-utenti għajr l-unitajiet domestiċi privati fi Stat Membru ieħor.	M
Lista tal-Istati Membri li fihom il-produttur ibiġħ l-EEE permezz tal-bejgħ mill-bogħod	Jekk il-produttur stabbilit fl-Istat Membru jbiġħ l-EEE permezz tal-komunikazzjoni mill-bogħod direttament lill-unitajiet domestiċi privati jew lill-utenti għajr l-unitajiet domestiċi privati fi Stat Membru ieħor, irid jipprovdi l-isem tal-Istat(i) Membru/i.	F
L-isem tar-rappreżentant awtorizzat fl-Istat(i) Membru/i li fihom il-produttur ibiġħ l-EEE permezz tal-bejgħ mill-bogħod	Jekk il-produttur stabbilit fl-Istat Membru jbiġħ l-EEE permezz tal-komunikazzjoni mill-bogħod direttament lill-unitajiet domestiċi privati jew lill-utenti għajr l-unitajiet domestiċi privati fi Stat Membru ieħor, irid jipprovdi l-isem tar-rappreżentant awtorizzat f'dak l-Istat Membru.	F
Dikjarazzjoni "Niddikjara/niddikjaraw li l-informazzjoni pprovduta hija vera u tipprovdi informazzjoni preċiżi u dwar il-produttur imsemmi hawn fuq u riflessjoni preċiża ta' tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ta' _____ (żid l-isem tal-Istat Membru) mill-produttur imsemmi hawn fuq.."	Dikjarazzjoni tal-produttur jew, fejn japplika, tal-parti terza li taġixxi fisem il-produttur li l-informazzjoni pprovduta hija vera u preċiża. Fil-każ ta' formoli elettroniċi, din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mmarkata (kaxxa li tista' tiġi mmarkata).	M

PARTI B

Format għar-reġistrazzjoni ta' rappreżentant awtorizzat

Elementi ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Tip ta' element ta' informazzjoni
L-isem tar-rappreżentant awtorizzat:	L-isem uffiċjali tar-rappreżentant awtorizzat marbut man-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa nazzjonali jew mal-kodiċi/numru ta' identifikazzjoni pprovdut meta ssir reġistrazzjoni fir-reġistru tan-negozju fl-Istat Membru.	
— Jekk ir-rappreżentant awtorizzat ikun persuna ġuridika (kumpanija), ip-provdi isem il-kumpanija		F
— Jekk ir-rappreżentant awtorizzat ikun persuna fiżika, ip-provdi: — L-isem — Il-kunjom		F
L-indirizz ġuridiku tar-rappreżentant awtorizzat:	L-indirizz uffiċjali tar-rappreżentant awtorizzat. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jkun stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru.	
— L-isem tat-triq		M
— In-numru tat-triq		M
— Il-kodiċi postali		M
— Il-post		M
— Il-provinċja		M*
— Il-muniċipalità		M*
— URL tas-sit web (jekk jeżisti sit web)		M
Il-persuna ta' kuntatt tar-rappreżentant awtorizzat:	Il-persuna assoċjata mar-rappreżentant awtorizzat bħala punt ta' kuntatt. Din il-persuna hija individwu li jintgħażel bħala l-punt ta' kuntatt inizjali jew regolari għal dan ir-rappreżentant awtorizzat. Il-persuna ta' kuntatt għandha tkun stabbilita fit-territorju tal-Istat Membru.	
— L-isem		M
— Il-kunjom		M
— In-numru tat-telefown	In-numru tat-telefown tan-negozju.	M
— L-email	L-email tan-negozju.	M
— L-indirizz	L-indirizz tan-negozju tal-persuna ta' kuntatt.	
— L-isem tat-triq		M
— In-numru tat-triq		M
— Il-kodiċi postali		M
— Il-post		M
— Il-provinċja		M*
— Il-muniċipalità		M*
Il-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali/il-kodiċi ta' reġistrazzjoni tan-negozju	Għar-rappreżentanti awtorizzati li jkunu persuni ġuridiċi, il-kodiċi/in-numru ta' identifikazzjoni pprovdut meta ssir ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tan-negozju fl-Istat Membru.	F

Elementi ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Tip ta' element ta' informazzjoni
In-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa nazzjonali	In-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tar-rappreżentant awtorizzat fl-Istat Membru.	M*
L-isem tal-produttur(i) irrapreżentat(i): — Jekk il-produttur ikun persuna ġuridika (kumpanija), ipprovidi isem il-kumpanija — Jekk il-produttur ikun persuna fiżika, ipprovidi: — L-isem — Il-kunjom	L-isem uffiċjali tal-produttur(i) irrapreżentat(i) mir-rappreżentant awtorizzat kif marbut man-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa nazzjonali/Ewropew tal-produttur jew mal-kodiċi/numru ta' identifikazzjoni pprovdut meta ssir reġistrazzjoni fir-reġistru tan-negozju fil-pajjiż fejn ikun stabbilit il-produttur. Jekk ir-rappreżentant awtorizzat jirrappreżenta aktar minn produttur wieħed u l-Istat Membru jipprevedi li r-rappreżentant awtorizzat ikun irreġistrat darba, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jindika b'mod separat l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta' kull wieħed mill-produtturi rrapreżentati.	M
Id-dettalji ta' kuntatt tal-produttur(i) irrapreżentat(i):	Id-dettalji ta' kuntatt uffiċjali tal-produttur(i) irrapreżentat(i) mir-rappreżentant awtorizzat.	
— In-numru tat-telefown		M
— L-email		M
— L-indirizz		M
— L-isem tat-triq		M
— In-numru tat-triq		M
— Il-kodiċi postali		M
— Il-post		M
— Il-pajjiż		M
— URL tas-sit web (jekk jeżisti sit web)	F	
Kategoriji tal-fatturat annwali tal-produttur tal-EEE irrapreżentat	Indikazzjoni tal-fatturat annwali tal-produttur irrapreżentat. L-Istati Membri li jitolbu dan l-element ta' informazzjoni jridu jipprovdu "kategoriji tal-fatturat annwali tal-EEE" differenti sabiex il-produttur irrapreżentat ikun jista' jagħżel il-kategorija rilevanti. Jekk ir-rappreżentant awtorizzat jirrappreżenta aktar minn produttur wieħed u l-Istat Membru jipprevedi li r-rappreżentant awtorizzat ikun irreġistrat darba, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jindika b'mod separat, għal kull wieħed mill-produtturi rrapreżentati, il-kategorija tal-fatturat annwali tal-EEE.	M*
Kategorija/kategoriji tal-EEE	Deskrizzjoni tal-kategorija jew tal-kategoriji tal-EEE li l-produttur irrapreżentat iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru skont in-numru skont l-Anness III tad-Direttiva 2012/19/UE. Jekk ir-rappreżentant awtorizzat jirrappreżenta aktar minn produttur wieħed u l-Istat Membru jipprevedi li r-rappreżentant awtorizzat ikun irreġistrat darba, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jiddeskrivi b'mod separat il-kategoriji tal-EEE li kull wieħed mill-produtturi rrapreżentati jqiegħed fis-suq tal-Istat Membru.	M

Elementi ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Tip ta' element ta' informazzjoni
Subkategorija/subkategoriji tal-EEE	<p>Deskrizzjoni tas-subkategorija jew tas-subkategoriji tal-EEE li l-producer iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru kif applikata fl-Istat Membru.</p> <p>Jekk ir-rappreżentant awtorizzat jirrappreżenta aktar minn produttur wieħed u l-Istat Membru jipprevedi li r-rappreżentant awtorizzat ikun irreġistrat darba, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jiddeskrivi b'mod separat is-subkategoriji tal-EEE li kull wieħed mill-produtturi rrapreżentati jqiegħed fis-suq tal-Istat Membru.</p>	M*
Tip ta' EEE (tagħmir domestiku jew mhux tagħmir domestiku)	Għal kull waħda mill-kategoriji jew, jekk japplikaw, is-subkategoriji tal-EEE li l-produttur irrappreżentat iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru, l-indikazzjoni ta' "tagħmir domestiku" jew "mhux tagħmir domestiku".	M*
L-isem tal-marka tal-EEE	Għal kull waħda mill-kategoriji jew, jekk japplikaw, is-subkategoriji tal-EEE li l-produttur irrappreżentat iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru, l-isem adottat b'mod arbitrarju li jingħata minn produttur lill-EEE biex jiddistingwih bħala magħmul jew mibjugħ minn dak il-produttur u li jista' jintuża u jiġi protett bħala marka tal-fabbrika.	M*
Ir-responsabbiltà tal-produttur:	<p>Informazzjoni dwar kif il-produttur irrappreżentat jissodisfa r-responsabbiltajiet stabbiliti fid-Direttiva 2012/19/UE fl-Istat Membru. Jekk l-istess produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat fisem il-produttur ikun stabbilixxa skema ta' konformità individwali għal ċerti kategoriji tal-EEE u jkun ingħaqad ma' skema ta' konformità kollettiva għal kategoriji oħrajn, jenħtieġ li jiġi indikati t-tnejn.</p> <p>Jekk ir-rappreżentant awtorizzat jirrappreżenta aktar minn produttur wieħed u l-Istat Membru jipprevedi li r-rappreżentant awtorizzat ikun irreġistrat darba, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jindika b'mod separat kif kull wieħed mill-produtturi rrapreżentati jissodisfa r-responsabbiltajiet stabbiliti fid-Direttiva 2012/19/UE fl-Istat Membru.</p>	
Il-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat fisem il-produttur stabbilew skema ta' konformità individwali fl-Istat Membru. Iva/Le		M
Jekk it-tweġiba hija "Iva", ipprovidi aktar informazzjoni dwar l-iskema ta' konformità individwali.	Deskrizzjoni tal-informazzjoni addizzjonali li l-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat fisem il-produttur għandu jissottometti b'rabta mal-iskema ta' konformità individwali.	M*
Il-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat fisem il-produttur ingħaqdu ma' skema/i ta' konformità kollettiva/i fl-Istat Membru Iva/Le		M

Elementi ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Tip ta' element ta' informazzjoni
Responsabbiltà finanzjarja:	Informazzjoni dwar il-forma tal-garanzija li jipprovdi kull produttur irrappreżentat meta jqiegħed prodott fis-suq tal-Istat Membru skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2012/19/UE.	
Il-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat fisem il-produttur jipparteċipaw fi skema ta' konformità kollettiva waħda jew aktar. Iva/Le		M
Il-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat fisem il-produttur jipprovdu assigurazzjoni għar-riċiklaġġ. Iva/Le		M
Il-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat fisem il-produttur jipprovdu kont tal-bank imblokkat. Iva/Le		M
Oħra (speċifika)	Jekk il-garanzija finanzjarja fi Stat Membru ma jkollha l-ebda waħda mill-forom imsemmija hawn fuq, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jiddeskrivi l-forma tal-garanzija.	M
Dikjarazzjoni <i>“Niddikjara/niddikjaraw li r-rappreżentant awtorizzat imsemmi hawn fuq in ħatar permezz ta' mandat bil-miktub mill-produttur(i) irrappreżentat(i) skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.”</i>	Dikjarazzjoni tar-rappreżentant awtorizzat jew, fejn japplika, tal-parti terza li taġixxi fisem ir-rappreżentant awtorizzat li r-rappreżentant awtorizzat inħatar permezz ta' mandat bil-miktub skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku. Fil-każ ta' formoli elettroniċi, din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mmarkata (kaxxa li tista' tiġi mmarkata).	M
Dikjarazzjoni <i>“Niddikjara/niddikjaraw li l-informazzjoni pprovduta hija vera u ttiprovdi informazzjoni preċiża dwar ir-rappreżentant awtorizzat imsemmi hawn fuq u riflessjoni pre-ċiża tat-tip ta' tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ta' _____ (żid l-isem tal-Istat Membru) mill-produttur(i) irrappreżentat(i) mir-rappreżentant awtorizzat imsemmi hawn fuq.”</i>	Dikjarazzjoni tar-rappreżentant awtorizzat jew, fejn japplika, tal-parti terza li taġixxi fisem ir-rappreżentant awtorizzat li l-informazzjoni pprovduta hija vera u preċiża. Fil-każ ta' formoli elettroniċi, din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mmarkata (kaxxa li tista' tiġi mmarkata).	M

ANNEX II

Format għar-rappurtar lir-reġistru ta' Stat Membru dwar l-EEE mqiegħed fis-suq tiegħu

L-elementi ta' informazzjoni ewlenin huma mmarkati b" M".

L-elementi ta' informazzjoni li jiddependu fuq filtru mmarkati b" F" huma parti mill-elementi ta' informazzjoni ewlenin iżda japplikaw biss meta fl-element ta' informazzjoni preċedenti tkun intgħażlet twegħiba speċifika.

L-elementi ta' informazzjoni addizzjonali huma mmarkati b" M*".

Elementi ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Tip ta' element ta' informazzjoni
L-isem tal-produttur jew tar-rappreżentant jew tal-organizzazzjoni awtorizzati li jimplimenta obbligi ta' responsabbiltà tal-produttur estiżi fisem il-produtturi:	L-isem uffiċjali tal-produttur jew tar-rappreżentant jew tal-organizzazzjoni awtorizzati li jimplimenta obbligi ta' responsabbiltà tal-produttur estiżi fisem il-produtturi marbut man-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa nazzjonali jew mal-kodiċi/numru ta' identifikazzjoni pprovdut meta ssir reġistrazzjoni fir-reġistru tan-negozju fl-Istat Membru.	
— Jekk il-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat ikunu persuna ġuridika (kumpanija), ipprovdni isem il-kumpanija		F
— Jekk il-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat ikunu persuna fiżika, ipprovdni: — L-isem — Il-kunjom		F
— Jekk Stat Membru jippermetti li r-rapport jitressaq minn organizzazzjoni li timplimenta obbligi ta' responsabbiltà tal-produttur estiżi fisem il-produtturi, ipprovdni l-isem ta' din l-organizzazzjoni u l-ismijiet tal-produtturi u/jew tar-rappreżentanti awtorizzati li f'isimhom qed tiġi provduta l-informazzjoni.		F
Il-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali/il-kodiċi ta' reġistrazzjoni tan-negozju	Għall-produtturi jew ir-rappreżentant awtorizzat li jkunu persuni ġuridiċi jew organizzazzjonijiet li jimplimentaw obbligi ta' responsabbiltà tal-produttur estiżi fisem il-produtturi, il-kodiċi/in-numru ta' identifikazzjoni pprovdut meta ssir ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tan-negozju fl-Istat Membru.	F
In-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa nazzjonali	In-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tal-produttur jew tar-rappreżentant jew tal-organizzazzjoni awtorizzati li jimplimenta obbligi ta' responsabbiltà tal-produttur estiżi fisem il-produtturi fl-Istat Membru.	M*
Il-perjodu tar-rappurtar	Il-produttur jew r-rappreżentant awtorizzat, jew, fejn japplika, l-organizzazzjoni li timplimenta obbligi ta' responsabbiltà tal-produttur estiżi fisem il-produtturi għandhom jispeċifikaw il-perjodu tar-rappurtar rilevanti.	M

Elementi ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Tip ta' element ta' informazzjoni
Persuna ta' kuntatt għar-rappurtar:	Il-persuna assoċjata mal-produttur jew mar-rappreżentant awtorizzat jew, fejn japplika, l-organizzazzjoni li timplimenta obbligi ta' responsabbiltà tal-produttur esteri fisem il-produtturi u li tintgħażel bħala l-punt ta' kuntatt inizjali jew regolari għar-rappurtar lir-reġistru.	
— L-isem		M
— Il-kunjom		M
— In-numru tat-telefown	In-numru tat-telefown tan-negozju.	M
— L-email	L-email tan-negozju.	M
Il-kwantità ta' EEE li jitqiegħed fis-suq tal-Istat Membru (ftunnellati):	Kull produttur jew kull rappreżentant awtorizzat għandu jirrapporta l-piż tal-EEE mqiegħed fis-suq tal-Istat Membru ftunnellati kif definit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/699. Meta l-Istat Membru jippermetti li organizzazzjoni li timplimenta obbligi ta' responsabbiltà tal-produttur esteri fisem il-produtturi tipprovdni din l-informazzjoni, irid jiġi speċifikat jekk din l-informazzjoni għandhiex tiġi rrapportata għal kull produttur irrapreżentat u rappreżentant awtorizzat b'mod individwali jew b'mod totali, għall-produtturi rrapreżentati u r-rappreżentanti awtorizzati kollha.	
għal kull kategorija tal-EEE	Il-piż tal-EEE li l-produttur iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru għal kull kategorija tal-EEE skont l-Anness III tad-Direttiva 2012/19/UE, bil-pannelli fotovoltajċi rrapportati b'mod separat.	M
għal kull subkategorija tal-EEE	Il-piż tal-EEE li l-produttur iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru għal kull subkategorija tal-EEE kif applikat fl-Istat Membru.	M*
għal kull tip ta' EEE (tagħmir domestiku jew mhux tagħmir domestiku)	Il-piż tal-EEE li l-produttur iqiegħed fis-suq tal-Istat Membru għal kull tip ta' tagħmir ("tagħmir domestiku" jew "mhux tagħmir domestiku").	M*
Dikjarazzjoni <i>"Niddikjara/niddikjaraw li l-informazzjoni pprovduta hija vera u tipprovdni riflessjoni preċiża dwar tat-tip u l-kwantità ta' tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ta' _____ (żid l-isem tal-Istat Membru) mill-produttur(i) imsemmi(ja) hawn fuq."</i>	Dikjarazzjoni tal-produttur jew tar-rappreżentant awtorizzat jew, fejn japplika, tal-parti terza li tagħxi fisem il-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat li l-informazzjoni pprovduta hija vera u preċiża. Fil-każ ta' formoli elettroniċi, din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mmarkata (kaxxa li tista' tiġi mmarkata).	M

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/291**tad-19 ta' Frar 2019**

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-naftilaċetammid, aċidu 1-naftilaċetiku, akrinatrina, ażossistrobina, fluważifop p, fluoksipir, imażalil, kreżoksim-metil, ossifluworfen, prokloraż, proeżadjon, spiroksamina, teflutrin u terbutilażina

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽²⁾ tistabbilixxi s-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (2) Il-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi 1-naftilaċetammid, aċidu 1-naftilaċetiku, akrinatrina, ażossistrobina, fluważifop p, fluoksipir, imażalil, kreżoksim-metil, ossifluworfen, prokloraż, proeżadjon, spiroksamina, teflutrin u terbutilażina se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2021.
- (3) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi inklużi f'dan ir-Regolament ġew ippreżentati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ⁽³⁾. Madankollu, l-approvazzjonijiet ta' daww is-sustanzi x'aktarx li se jiskadu għal raġunijiet li ma għandux kontroll fuqhom l-applikant qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tagħhom. Għalhekk jeħtieġ li l-perjodi tal-approvazzjoni tagħhom jiġu estiżi b'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (4) Minħabba ż-żmien u r-riżorsi li huma meħtieġa biex jitlestew il-valutazzjonijiet tal-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' għadd kbir ta' sustanzi attivi li l-approvazzjonijiet għalihom se jiskadu bejn l-2019 u l-2021, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016)6104 ⁽⁴⁾ stabbiliet programm ta' ħidma li fih is-sustanzi attivi li huma simili għal xulxin inġabru fi gruppi u ġew stabbiliti l-prijoritajiet skont it-tħassib li dawn iqajmu għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent, kif previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (5) Jenħtieġ li s-sustanzi meqjusa bħala sustanzi ta' riskju baxx jingħataw prijorità skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016)6104. Għalhekk, jenħtieġ li l-approvazzjoni ta' daww is-sustanzi tiġi estiża bl-iqsar perjodu possibbli. Filwaqt li titqies id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-ħidma fost l-Istati Membri li jaġixxu bħala relaturi u korelaturi u r-riżorsi disponibbli meħtieġa għall-valutazzjoni u għat-teħid ta' deċiżjonijiet, jenħtieġ li dak il-perjodu jkun ta' sena fil-każ tas-sustanza attiva proeżadjon.
- (6) Għas-sustanzi attivi li ma jaqgħux fil-kategoriji prijorizzati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016)6104, jenħtieġ li l-perjodu ta' approvazzjoni jiġi estiż b'sentejn jew bi tliet snin, filwaqt li jitqiesu d-data ta' skadenza attwali, il-fatt li skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 id-dossier supplementari għal sustanza attiva għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn 30 xahar qabel l-iskadenza tal-approvazzjoni, il-ħtieġa li tiġi żgurata distribuzzjoni bilanċjata tar-responsabbiltajiet u tal-ħidma fost l-Istati Membri li jaġixxu bħala relaturi u korelaturi u r-riżorsi disponibbli meħtieġa għall-valutazzjoni u għat-teħid tad-deċiżjonijiet. Għalhekk huwa xieraq li l-perjodi ta' approvazzjoni jiġu estiżi b'sentejn għas-sustanzi attivi 1-naftilaċetammid, aċidu 1-naftilaċetiku, akrinatrina, fluważifop p, prokloraż u spiroksamina; u bi tliet snin għas-sustanzi attivi ażossistrobina, fluoksipir, imażalil, kreżoksim-metil, ossifluworfen, teflutrin u terbutilażina.

⁽¹⁾ ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqşam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2016 dwar l-istabbiliment ta' programm ta' ħidma għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi li jiskadu fl-2019, fl-2020 u fl-2021 skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 357, 29.9.2016, p. 9).

- (7) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 rigward każijiet meta ma jkunx tressaq dossier supplimentari bi qbil mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 qabel it-30 xahar ta' qabel id-data ta' skadenza stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tiffissa d-data ta' skadenza għall-istess data li kienet iffissata qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jew fl-iżjed data qrib warajha.
- (8) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, rigward każijiet meta l-Kummissjoni tadotta Regolament li jstipula li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx minħabba li ma jkunx ġew sodisfati l-kriterji tal-approvazzjoni, il-Kummissjoni tistipula li d-data ta' skadenza tkun l-istess waħda li kienet iffissata qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jew fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jstipula li l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data tiġi wara. Rigward il-każijiet meta l-Kummissjoni tadotta Regolament li jipprevedi t-tiġdid ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfittex li tistabblixxi, skont iċ-ċirkostanzi, l-iktar data ta' applikazzjoni qrib possibbli.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Il-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

- (1) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 4, Azossistrobin, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2024";
 - (2) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 5, Imazalil, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2024";
 - (3) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 6, Proeżadjon, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2022";
 - (4) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 7, Spiroksamina, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2023";
 - (5) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 8, Kreżoksim-metil, id-data hija sostitwita bid-data
"31 ta' Diċembru 2024";
 - (6) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 9, Fluroksipir, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2024";
 - (7) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 10, Teflutrin, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2024";
 - (8) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 11, Ossifluworfen, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2024";
 - (9) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 12, 1-naftilacetamid, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2023";
 - (10) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 13, Aċidu 1-naftilaċetiku, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2023";
 - (11) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni tar-ringiela 15, Fluważifop-P, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2023";
 - (12) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 16, Terbutilażina, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2024";
 - (13) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 19, Akrinatrina, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2023";
 - (14) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 20, Prokloraż, id-data hija sostitwita bil-
"31 ta' Diċembru 2023";
-

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/292

tat-12 ta' Frar 2019

dwar l-awtorizzazzjoni għar-rilaxx ta' informazzjoni klassifikata tal-UE lil Stati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha u l-Anness VI għaliha,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea tikkonkludi ftehimiet dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.
- (2) Is-Segretarju Ġenerali, fisem is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, jista' jidħol f'arranġamenti amministrattivi ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.
- (3) Skont il-paragrafu 37 tal-Anness VI għad-Deċiżjoni 2013/488/UE, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni biex jawtorizza lis-Segretarju Ġenerali biex jirrilaxxa informazzjoni klassifikata tal-UE lil Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali skont ftehimiet dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata jew arranġamenti amministrattivi dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fejn ikun fis-seħħ ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata ("ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni") bejn l-Unjoni u Stat terz jew organizzazzjoni internazzjonali, u f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa, f'konformità mal-prinċipju tal-kunsens tal-oriġinatur, lil dak l-Istat terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali informazzjoni klassifikata tal-UE li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, sal-livell iddeterminat mill-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill skont il-paragrafu 11 tal-Anness VI għad-Deċiżjoni 2013/488/UE. Id-deċiżjoni għar-rilaxx ta' informazzjoni klassifikata tal-UE lil Stat terz jew organizzazzjoni internazzjonali taħt ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni għandha tittieħed mis-Segretarju Ġenerali każ b'każ.

2. Fejn is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, bl-approvazzjoni tal-Kunsill u f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE, ikun daħal f'arranġament amministrattiv dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata ("arranġament amministrattiv") ma' Stat terz jew organizzazzjoni internazzjonali, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa, f'konformità mal-prinċipju tal-kunsens tal-oriġinatur, lil dak l-Istat terz jew dik l-organizzazzjoni internazzjonali informazzjoni klassifikata tal-UE li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-arranġament amministrattiv u sal-livell speċifikat fih. Id-deċiżjoni għar-rilaxx ta' informazzjoni klassifikata tal-UE lil Stat terz jew organizzazzjoni internazzjonali taħt arranġament amministrattiv għandha tittieħed mis-Segretarju Ġenerali każ b'każ.

3. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jista' jiddelega l-awtorità msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lil uffiċjali għolja tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tassar u tissostitwixxi d-Deċiżjonijiet li ġejjin:

- (1) id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2011 dwar ir-rilaxx ta' informazzjoni taħt ftehimiet permanenti ma' Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata;
- (2) id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2011 dwar ir-rilaxx ta' informazzjoni taħt arranġamenti amministrattivi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.

⁽¹⁾ ĠUL 274, 15.10.2013, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
E.O. TEODOROVICI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/293**tat-8 ta' Novembru 2018****dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.43785 (2018/C) (ex 2015/PN, ex 2018/NN) implimentata mir-Rumanija għar-ristrutturar ta' Complexul Energetic Hunedoara***(notifikata bid-dokument C(2018) 7308)***(Il-test bir-Rumen biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li għamlet sejħa lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) msemmija hawn fuq ⁽¹⁾,

Billi:

1. IL-PROCĊEDURA

- (1) Permezz ta' ittra datata t-12 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni infurmat lir-Rumanija li din iddeċidiet li tibda proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") ("id-deċiżjoni tal-ftuħ") fir-rigward tal-ghajjnuna għar-ristrutturar għal Complexul Energetic Hunedoara S.A. ("CE Hunedoara"). Id-Deċiżjoni tal-ftuħ segwiet notifiċi u kuntatti preċedenti bejn il-Kummissjoni u r-Rumanija li jikkonċernaw għajjnuna mill-Istat lil CE Hunedoara jew lill-predeċessuri tagħha, kif deskritt f'aktar dettall fid-deċiżjoni tal-ftuħ u t-taqsim 2.1 hawn taħt.
- (2) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura kienet ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar dan.
- (3) Fil-15 ta' Mejju 2018, ir-Rumanija pprovdiet kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment minn partijiet interessati. Barra mill-kummenti li rċeviet fil-15 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni organizzat ukoll konferenza bil-vidjo mal-awtoritajiet Rumani fil-31 ta' Lulju 2018.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA DWAR L-GĦAJNUNA**2.1. Deċiżjonijiet preċedenti li jikkonċernaw lil CE Hunedoara**

- (4) Fil-22 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet dwar l-ghajjnuna pplanata għall-ammont ta' RON 1 169 miljun (madwar EUR 251,3 miljun) għall-għeluq ta' tlieta minn seba' minjieri tal-faħam sfruttati minn National Hard Coal Company JSC Petrosani ⁽³⁾ ("Deċiżjoni dwar l-ewwel ghajjnuna lil minjieri tal-faħam"). F'dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni sabet li l-ghajjnuna pplanata kienet kompatibbli mas-suq intern skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/787/UE ⁽⁴⁾ ("id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ghajjnuna għal minjieri tal-faħam").
- (5) Fil-20 ta' April 2015, il-Kummissjoni kienet ikkunsidrat li Electrocentrale Paroşeni u Electrocentrale Deva, żewġ kumpaniji tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li kienu ngħaqdu biex jiffurmaw CE Hunedoara fl-2012, bejn l-2009 u l-2011 kienu rċevew ghajjnuna mill-Istat għall-operat li kienet inkompatibbli mas-suq intern. Fid-deċiżjoni tagħha ⁽⁵⁾ ("id-Deċiżjoni dwar l-ghajjnuna inkompatibbli"), il-Kummissjoni talbet lir-Rumanija sabiex tirkupra l-

⁽¹⁾ ĠU C 158, 4.5.2018, p. 47.⁽²⁾ Ara n-nota 1 fqiegħ il-paġna.⁽³⁾ ĠU C 23, 25.1.2013, p. 3.⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/787/UE tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar l-ghajjnuna mill-Istat biex ikun faċilitat l-għeluq ta' minjieri mhux kompetittivi (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 24).⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1877 tal-20 ta' April 2015 dwar tariffi mitluba minn S.C. Hidroelectrică SA tar-Rumanija lil S.C. Termoelectrică SA u S.C. Electrocentrale Deva SA — SA.33475 (12/C) (ĠU L 275, 20.10.2015, p. 46), il-premessi minn 117 sa 124.

għajjnuna u l-imgħax mingħand CE Hunedoara bħala l-kumpanija suċċessur taż-żewġ kumpaniji tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, fil-każ li l-benefiċjarji jfallu mill-jħallsu lura. Fl-10 ta' Ġunju 2015, l-awtoritajiet Rumeni pprovdew informazzjoni li turi li l-ammont ta' RON 34 785 015,45 (madwar EUR 7,48 miljun) li jkopri l-ammont tal-għajjnuna li kellu jkun irkuprat u l-imgħax tal-irkupru kien trasferit minn CE Hunedoara lill-Ministeru Rumenu għall-Enerġija, biex b'hekk implimentaw id-deċiżjoni tal-irkupru.

- (6) Fil-21 ta' April 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni dwar għajjnuna mill-Istat ippjanata li tingħata lil CE Hunedoara fil-forma ta' self iddedikat sal-ammont ta' RON 167 miljun (madwar EUR 37,7 miljun) ⁽⁶⁾ ("id-deċiżjoni dwar l-għajjnuna għas-salvataġġ") ⁽⁷⁾. F'dik id-deċiżjoni l-Kummissjoni sabet li s-self kien jikkonstitwixxi għajjnuna għas-salvataġġ lil CE Hunedoara u ddikjarat li l-għajjnuna kienet kompatibbli mas-suq intern skont il-Linji Gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ("il-Linji Gwida S&R") ⁽⁸⁾, filwaqt li kkunsidrat għadd ta' impenji li ttieħdu mir-Rumanija (ara l-premessi 120 u 123 hawn taħt).
- (7) Fil-21 ta' Ottubru 2015, sitt xhur wara d-deċiżjoni ta' għajjnuna għas-salvataġġ, ir-Rumanija ttrażmettiet pjan ta' ristrutturar għal CE Hunedoara ("l-ewwel pjan ta' ristrutturar") ⁽⁹⁾. L-għan tar-Rumanija kien li testendi l-perjodu għar-rimbors tas-self ta' salvataġġ, li kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' għajjnuna għas-salvataġġ u li tagħti għajjnuna ta' ristrutturar lil CE Hunedoara biex din tiffinanzja l-ispejjeż inklużi fl-ewwel pjan ta' ristrutturar. Permezz ta' ittra mibgħuta fit-3 ta' Diċembru 2015, ir-Rumanija kkomunikat l-intenzjoni tagħha li tipprovi informazzjoni dwar għajjnuna għar-ristrutturar erba' ġimgħat wara. Il-ġurnata ta' wara, il-Kummissjoni b'mod amministrattiv fetħet il-każ SA.43785 (2015/PN) li jkkonċerna għajjnuna għal ristrutturar lil CE Hunedoara.
- (8) Fit-8 ta' Jannar 2016, ir-Rumanija nnotifikat minn qabel l-intenzjoni tagħha li tagħti għajjnuna għar-ristrutturar lil CE Hunedoara fuq il-bażi ta' pjan ta' ristrutturar ġdid, emendat meta mqabbel mal-ewwel pjan ta' ristrutturar ("il-pjan ta' ristrutturar emendat") u ppreżentat informazzjoni ta' appoġġ addizzjonali, li komplet iżżid magħha fil-11 ta' Jannar 2016. Fit-12 ta' Jannar 2016, saret laqgħa mal-awtoritajiet Rumeni dwar l-informazzjoni ppreżentata.
- (9) Fil-15 ta' Jannar 2016, ir-Rumanija ġiet infurmata li huma rakkommandabbli diversi emendi għall-għajjnuna għar-ristrutturar maħsuba u għall-ewwel pjan ta' ristrutturar qabel ma r-Rumanija setgħet tgħaddi għan-notifika formali. Ir-Rumanija ma pprovdiet l-ebda pjan ta' ristrutturar ġdid wara dan.
- (10) F'Jannar 2016, CE Hunedoara bdiet proċeduri ta' insolvenza formali skont il-liġi Rumena, li madankollu ġew miċħuda minn qorti nazzjonali aktar tard.
- (11) Wara dan, ir-Rumanija qieset li, filwaqt li CE Hunedoara eventwalment kienet se tiġi likwidata, kien ser ikun meħtieġ li temporanjament uħud mill-unitajiet ta' ġenerazzjoni ta' enerġija jinżammu operazzjonali flimkien ma' xi minjieri tal-faħam u servizzi relatati għat-tħejjija tal-faħam appoġġati b'kumpens għall-ispejjeż tal-ġenerazzjoni. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u pjanijiet ġodda għal suċċessur(i) potenzjali futur(i) għal CE Hunedoara li jopera(w) b'parti mill-assi ta' din tal-aħħar, fuq talba tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Rumeni ppreżentaw informazzjoni fit-12 ta' Mejju 2016, matul konferenza bil-vidjo fit-18 ta' Mejju 2016, fid-9, il-25 u d-29 ta' Awwissu 2016, matul laqgħa fit-12 ta' Ottubru 2016, kif ukoll fid-9 ta' Novembru 2016, is-17 ta' Mejju 2017 u l-1 ta' Settembru 2017. L-informazzjoni pprovduta fis-17 ta' Mejju 2017 kienet tinkludi, b'mod partikolari, skeda taż-żmien għal-likwidazzjoni eventwali ta' CE Hunedoara.
- (12) Fl-24 ta' Novembru 2016, abbażi ta' notifika separata, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni dwar RON 447,8 miljun (madwar EUR 96,2 miljun) ippjanati li jingħataw lil CE Hunedoara għall-għeluq ta' tnejn mill-erba' minjieri tal-faħam li kienu għadhom jiġu operati minn CE Hunedoara li ma kinux is-suġġett tad-Deċiżjoni dwar l-ewwel għajjnuna lil minjieri tal-faħam ⁽¹⁰⁾ ("id-Deċiżjoni dwar it-tieni għajjnuna lil minjieri tal-faħam"). F'dik id-deċiżjoni l-Kummissjoni sabet li l-għajjnuna pplanata kienet kompatibbli mas-suq intern skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar għajjnuna lil minjieri tal-faħam.

2.2. Il-benefiċjarju: CE Hunedoara

- (13) CE Hunedoara hija kumpanija għall-ġenerazzjoni tal-enerġija integrata vertikalment, bil-kwartieri ġenerali f'Petrosani, il-Kontea ta' Hunedoara. L-ishma tagħha huma proprjetà sħiħa tal-Istat Rumenu. CE Hunedoara tuża l-

⁽⁶⁾ Ir-rata tal-kambju użata għal informazzjoni f'din id-deċiżjoni hija RON/EUR = 0,215 (il-31 ta' Jannar 2018).

⁽⁷⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2015 SA.41318 (2015/N) – ir-Rumanija – Notifika dwar l-għajjnuna għas-salvataġġ lil Complexul Energetic Hunedoara (ĠU C 203, 19.6.2015, p. 5).

⁽⁸⁾ ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.

⁽⁹⁾ Dak il-pjan ġie diskuss ukoll matul laqgħa mal-awtoritajiet Rumeni fit-23 ta' Ottubru 2015.

⁽¹⁰⁾ L-Awtorizzazzjoni għal għajjnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea — Każijiet fejn il-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni (ĠU C 127, 21.4.2017, p. 1).

aktar il-faħam indiġenu, li din tikseb mill-minjieri tal-faħam tagħha, sabiex tipproduċi sħana elettrika għall-bliet fil-viċinat. Iż-żewġ impjanti tal-enerġija tagħha, Deva ⁽¹⁾ u Paroseni ⁽²⁾, għandhom kapaċità nominali totali installata ta' 1 225 MW. CE Hunedoara tipproduċi madwar 4,2 % tal-elettriku kkunsmat fir-Rumanija, fejn hija l-uniku produttur maġġuri tal-elettriku fiż-żoni taċ-ċentru u tal-Majjistral. Il-kumpanija timpjega madwar 6 600 persuna, li 1 750 impjeg minnhom għandhom x'jaqsmu mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u 4 700 oħra mal-attivajiet fil-minjieri.

- (14) CE Hunedoara twaqqfet f'Novembru 2012 billi nġhaqdu żewġ kumpaniji proprjetà tal-Istat li qabel kienu qed ifallu u issa ġew likwidati, Electrocentrale Paroseni u Electrocentrale Deva ("il-kumpaniji predeċessuri"). Wara l-likwidazzjoni ta' National Hard Coal Company JSC Petrosani, kien hemm erba' minjieri tal-faħam ipplanati li jibqgħu jaħdmu u mhux ipplanati li jirċievu għajjnuna għall-għeluq skont id-Deċiżjoni dwar l-ewwel għajjnuna għall-minjieri tal-faħam. Dawn ġew amalgamati f'CE Hunedoara flimkien mal-unitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-persunal amministrattiv relatat u l-proprjetà immobbli ta' Electrocentrale Paroseni u Electrocentrale Deva, minħabba li kważi l-faħam kollu pprovdut mill-erba' minjieri tal-faħam kien użat minn Electrocentrale Paroseni u Electrocentrale Deva bħala fjuwil għall-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-provvista ta' sħana. B'mod partikolari:

- Inizjalment, CE Hunedoara ħadet taħt idejha l-assi tal-produzzjoni u l-obbligazzjonijiet mill-kumpaniji predeċessuri. Iż-żewġ kumpaniji b'mod konsistenti ma setgħux ibigħu l-elettriku bi prezzijiet tas-suq kompetittivi fir-Rumanija, u rċewew għajjnuna għal operat inkompatibbli fl-ammonti ta' RON 22,62 miljun u RON 3,65 miljun bejn l-2009 u l-2011 (madwar EUR 5,6 miljun b'kollox), li l-Kummissjoni ordnat lir-Rumenija biex tirkupra bl-imġax mingħand CE Hunedoara fid-Deċiżjoni dwar l-għajjnuna inkompatibbli, minħabba l-kontinwità ekonomika u legali mal-benefiċjarji ⁽³⁾.
- Sussegwentement, f'Awwiisu 2013, CE Hunedoara ħadet pussess ta' erba' minn seba' minjieri tal-faħam mingħand National Hard Coal Company JSC Petrosani. Aktar qabel, sal-2011, in-National Hard Coal Company JSC Petrosani kienet tħaddem seba' minjieri, li tlieta minnhom irċewew għajjnuna għall-għeluq taħt id-Deċiżjoni dwar l-ewwel għajjnuna għall-minjieri tal-faħam. L-erba' minjieri l-oħra li wara ġew inkorporati f'CE Hunedoara allegatament kienu vijabbli. Dawn l-erba' minjieri tal-faħam u assi oħra produttivi kienu ttrasferiti lil CE Hunedoara netti minn kwalunkwe obbligazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' dejn ta' madwar EUR 1,2 biljun akkumulati minn qabel għall-Istat jew entitajiet pubbliċi oħra, l-aktar dovuti għal taxxi u kontribuzzjonijiet mhux imħallsa. Id-dejn akkumulat ma kienx ġie kkunsidrat meta saret valutazzjoni tal-vijabbiltà tal-erba' minjieri. Il-Kummissjoni nnutat l-impenn tar-Rumanija li tinnotifika taħt regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, jekk meħtieġ, kwalunkwe miżura tal-Istat dwar dejn dovut lill-Istat. Ir-Rumanija ma nnotifikatx il-proċess ⁽⁴⁾ meta l-erba' minjieri tal-faħam ġew ittrasferiti lil CE Hunedoara mingħajr dejn.

2.3. Ir-rendiment operazzjonali u finanzjarju ta' CE Hunedoara

2.3.1. Ir-rendiment operazzjonali

- (15) Skont ir-Regolatur tal-Enerġija Rumani, ⁽⁵⁾ is-sehem tal-ġenerazzjoni tal-elettriku nett ta' CE Hunedoara bejn l-2013 u l-2015 kien kif ġej:

Tabella 1

Produzzjoni ta' elettriku totali fl-2013–2015 minn CE Hunedoara meta mqabbla mal-produzzjoni totali

Ġeneratur	Kapaċità użata (MW)			Total ta' elettriku ġġenerat (TWh)		
	2013	2014	2015	2013	2014	2015
CE Hunedoara	1 110 (6 %)	998 (5 %)	1 063 (5 %)	3 (5 %)	2,7 (4 %)	1,84 (2,9 %)
Volum tas-suq	18 142 (100 %)	18 448 (100 %)	19 086 (100 %)	55,8 (100 %)	62 (100 %)	62,6 (100 %)

⁽¹⁾ Ikkummissjonata f'żewġ stadji, l-ewwel waħda bejn l-1969 u l-1971 u t-tieni waħda bejn l-1977 u l-1980 - ara r-rapport GMC *Insolvency Consulting* ta' Marzu 2016, paġna 37, cigmc.ro/files/Raport%20art.%2097.pdf

⁽²⁾ Ikkummissjonata f'żewġ stadji, l-ewwel waħda bejn l-1956 u l-1959 u t-tieni waħda bejn l-1962 u l-1964 - ara l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku fuq <https://uzinaproseni.wordpress.com/>.

⁽³⁾ Deċiżjoni dwar l-għajjnuna inkompatibbli adottata fl-20 ta' April 2015, il-premessi 84, minn 88 sa 90, 98 u minn 117 sa 124. Deċiżjoni ta' għajjnuna għas-salvataġġ tal-21 ta' April 2015, il-premessi 13 u 63.

⁽⁴⁾ Deċiżjoni dwar l-ewwel għajjnuna lill-minjieri tal-faħam adottata fit-22 ta' Frar 2012, il-premessi minn 4 sa 10.

⁽⁵⁾ Rapporti annwali ANRE għall-2013, 2014 u 2015, disponibbli fuq: <http://www.anre.ro/en/about-anre/annual-reports-archive>. Ara wkoll *data* ta' Transelectrica dwar il-kapaċità ta' ġenerazzjoni installata totali u disponibbli għal kull unità spedibbli, għal kull sors primarju tal-enerġija, disponibbli fuq: <http://transelectrica.ro/web/tel/productie>.

- (16) Fir-Rumanija, l-elettriku huwa ġġenerat minn diversi tipi ta' impjanti tal-enerġija bi spejjeż ta' ġenerazzjon li jvarjaw. Minn Lulju 2012, l-elettriku huwa nneozjat fuq livell bl-ingrossa permezz tal-iskambju, jiġifieri swieq spot u forward tal-Borża Rumena tal-Enerġija ("OPCOM").
- (17) Kriterju importanti għal operazzjoni ta' impjant tal-enerġija huwa t-tqabbil tal-prezz tas-suq għal ġurnata bil-quddiem u l-ispejjeż marġinali għall-ġenerazzjoni tal-elettriku f'dak l-impjant tal-enerġija. Fil-każ ta' impjanti tal-enerġija termali, l-ispejjeż marġinali ewlenin huma l-ispejjeż tal-fjuwil, l-ispejjeż taċ-ċertifikati għall-emissjonijiet tas-CO₂ u l-ispejjeż marġinali operazzjonali.
- (18) CE Hunedoara rreġistrat nefqa tal-produzzjon medja ta' 274,27 RON/MWh (madwar 59 EUR/MWh) fl-2013, 310,19 RON/MWh (madwar 67 EUR/MWh) fl-2014 u 358,90 RON/MWh (madwar 77 EUR/MWh) fl-2015. Barra minn dan, in-nefqa medja tal-estrazzjoni tal-faħam iebes (il-fjuwil) f'CE Hunedoara kien madwar 126 RON/MWh (madwar 27 EUR/MWh), meta mqabbel mal-prezz tal-faħam iebes fis-suq ta' madwar 40 RON/MWh (madwar 9 EUR/MWh) ⁽¹⁶⁾.
- (19) Madankollu, il-prezz medju ppeżat annwali tal-elettriku fuq is-suq għal ġurnata bil-quddiem fuq l-OPCOM kien ta' 165,06 RON/MWh (madwar 35 EUR/MWh) fl-2013, 158,93 RON/MWh (madwar 34 EUR/MWh) fl-2014 u 166,35 RON/MWh (madwar 36 EUR/MWh) fl-2015. Barra minn dan, fuq is-suq ċentralizzat bilaterali tal-OPCOM il-prezz medju annwali tal-prezz tal-elettriku kien iwarja bejn 182,94 RON/MWh (madwar 39 EUR/MWh) u 162,41 RON/MWh (madwar 35 EUR/MWh) bejn l-2013 u l-2015 ⁽¹⁷⁾. Fi kliem ieħor, bejn l-2013 u l-2015, meta nġhata s-self inkwistjoni, l-ispejjeż medji tal-produzzjoni ta' CE Hunedoara kienu bejn 66 % u 116 % ogħla mill-prezzijiet li bihom l-elettriku kien inneozjat fuq is-suq għal ġurnata bil-quddiem u bejn 50 % u 121 % ogħla mill-prezzijiet fuq is-suq ċentralizzat bilaterali tal-borża Rumena tal-enerġija.
- (20) Wieħed jista' jinnotta li b'dawn il-prezzijiet tas-suq CE Hunedoara ma setgħetx topera bi profitt fit-tul minħabba li l-prezzijiet għal ġurnata bil-quddiem u l-prezzijiet forward kienu anqas mill-ispejjeż tal-produzzjoni ta' CE Hunedoara. F'suq tal-elettriku kompetittiv, wieħed jistenna li kwalunkwe produzzjoni tinbiegħ bi prezz ogħla mill-ispejjeż marġinali tagħha sabiex jinkiseb marġini ta' profitt. Madankollu, CE Hunedoara evidentement ma kinitx kapaċi li tagħmel dan mit-twaqqif tagħha minbarra f'ċerti okkażjonijiet, kif muri mill-fatt li CE Hunedoara falliet milli twarrab dħul operattiv suffiċjenti biex tixtri ċertifikati għall-emissjonijiet tas-CO₂ meħtieġa fl-2014 u fl-2015. Impjanti tal-enerġija mħaddma bil-faħam ġeneralment joperaw bħala impjanti tal-enerġija li joperaw permezz ta' karga bażika b'fattur tat-tagħbija ta' 70 % jew aktar ⁽¹⁸⁾. Madankollu, wieħed jista' jara mid-*data* tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-Tabella 1 li l-fattur tat-tagħbija għal CE Hunedoara kien ta' 30,8 % fl-2013 u fl-2014, filwaqt li waqa' għal anqas minn 20 % fl-2015. Dan jista' jkun spjegat mill-fatt li l-assi produttivi fil-forma ta' minjieri tal-faħam u ż-żewġ impjanti għall-ġenerazzjoni tal-enerġija li nġhaqdu f'CE Hunedoara f'Novembru 2012 kienu l-istess bħal daww operati qabel mill-kumpaniji predeċessuri li fallew, mingħajr titjib sinifikanti fil-produzzjoni jew fit-teknoloġija bl-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni. B'riżultat ta' dan, CE Hunedoara bieġhet il-produzzjoni tagħha bi prezz medju ta' 199,22 RON/MWh (madwar 43 EUR/MWh) fl-2013, 167,68 RON/MWh (madwar 36 EUR/MWh) fl-2014 u 181,52 (madwar 39 EUR/MWh) fl-2015 ⁽¹⁹⁾ u bħall-predeċessuri tagħha, ma kinitx kapaċi tiġġenera profitti suffiċjenti biex tissodisfa l-ispejjeż tal-operat u d-dejn, inkluż id-dejn lill-entitajiet pubbliċi, kif muri fit-Tabella 2 hawn taħt.

2.3.2. Ir-rendiment finanzjarju

- (21) Kif muri fit-Tabella 2 hawn taħt, fl-2012, l-ewwel sena tal-operat, CE Hunedoara għamlet profitt (dħul nett) ta' RON 37,9 miljun (madwar EUR 8,1 miljun). Madankollu, mill-2013, meta ġew ittrasferiti l-erba' minjieri tal-faħam u l-unità relatata għall-preparazzjoni tal-faħam, CE Hunedoara bdiet tiġġenera telf dejjem akbar li jammonta għal RON 147,6 miljun (EUR 31,7 miljun) fl-2013 u RON 352,3 miljun (EUR 76 miljun) fl-2014, waqt li bdiet turi deterjorament fl-indikaturi finanzjarji fir-rigward tad-dħul operattiv, tad-dejn għall-ekwità u l-likwidità. Sa tmiem l-2015, CE Hunedoara kellha ekwità negattiva ta' RON 1 082,6 miljun (EUR 232,7 miljun). Sa tmiem l-2017, l-ekwità negattiva kienet irduppjat għal RON 2 842,7 miljun (EUR – 611,18 miljun). Sa mill-2013, ir-riżultat operattiv kien negattiv, u l-kumpanija ma kellhiex likwidità ħielsa disponibbli għar-rimbors ta' dejn finanzjarju u pagamenti, mingħajr ma jiġi inkluż id-dejn addizzjonali dovut lill-korpi mhux kummerċjali tal-Istat, bħal pereżempju l-awtoritajiet tat-taxxa.

⁽¹⁶⁾ CE Hunedoara, Rapporti maħruġa mill-Bord tal-Amministrazzjoni għall-2013, l-2014 u l-2015, disponibbli fuq: <http://www.cenhd.ro/index.php/situatii-financiare/>.

⁽¹⁷⁾ Rapporti annwali tal-OPCOM għall-2013, 2014 u 2015, disponibbli fuq: <https://www.opcom.ro/compania/compania.php?lang=ro&id=6>.

⁽¹⁸⁾ Ara, pereżempju, il-fatturi tat-tagħbija rrapportati fid-Deċiżjoni SA.38760 (2016/C) (ĠU C 46, 5.2.2016, p. 19).

⁽¹⁹⁾ <http://www.cenhd.ro/images/File/Situatii%20financiare/2013/Raportul%20administratorilor%20-%202013.pdf>, paġna 3.
<http://www.cenhd.ro/images/File/Situatii%20financiare/2014/Raportul%20administratorilor%20-%202014.pdf>, paġna 3.
<http://www.cenhd.ro/images/File/Situatii%20financiare/2015/Raportul%20administratorilor%20-%202015.pdf>, paġna 11.

Tabella 2

Riżultati finanzjarji ta' CE Hunedoara 2012-2017

RON f'miljuni	2012	2013	2014	2015	2016	2017
Dħul totali	249,4	1 061,1	691,5	574,74	448,4	568,7
Qligħ/telf tal-operat (EBITDA)	20,2	- 167,1	- 341,7	- 1 647,6	- 838,2	- 744,6
Dħul/Telf Nett	37,9	- 147,6	- 352,3	- 1 661,6	- 858,4	- 768,8
Kapital tal-ishma	203,4	349,8	354,5	354,5	354,5	354,5
Ekwiżità	678,7	980,1	629,3	- 1 082,6	- 2 071,3	- 2 842,7
Dejn fit-tul	170,0	269,5	258,7	270,5	245,4	237,4
Dejn kurrenti ieħor inkluż taxxi	72,3	243,2	371,6	726,7	922,2	1 099,1

Sors: www.cenhd.ro, skont rapporti finanzjarji disponibbli għall-pubbliku, aċċessati f'Ġunju 2018

- (22) Sa April 2015 l-aktar tard, CE Hunedoara kienet tissodisfa l-kriterji biex tkun suġġetta għal proċedimenti ta' insolvenza kollettiva skont il-liġi Rumena ⁽²⁰⁾. F'Janar 2016, CE Hunedoara kienet suġġetta temporanjament għal proċediment ta' insolvenza. F'Marzu 2016, l-amministratur tal-insolvenza ta' CE Hunedoara ppublika rapport ("ir-rapport tal-amministratur tal-insolvenza") li kien jinkludi informazzjoni dwar l-obbligi tal-kumpanija, minn fejn irriżulta li CE Hunedoara kellha tagħti madwar RON 2 360 miljun (madwar EUR 507,4 miljun) lil diversi entitajiet tal-Istat. Dan l-ammont irreferu, fost l-oħrajn, għas-self kopert minn din id-deċiżjoni kif ukoll multi dovuti lill-Aġenzija tal-Ambjent minħabba nuqqas biex jinkisbu konċessjonijiet għall-karbonju, ċertifikati ekoloġiċi u djun oħra mal-Istat kif ukoll mal-baġit tas-Sigurtà Soċjali. Skont ir-Rumanija, l-Aġenzija tal-Ambjent talbet ukoll il-ħlas tal-ammonti dovuti lilha minn CE Hunedoara, kif ukoll lil kredituri privati oħra.
- (23) Kif turi l-pożizzjoni ta' ekwiżità ta' CE Hunedoara, il-kumpanija teknikament hija falluta imma qed tkompli topera għad-detriment tal-biċċa l-kbira tad-djun tagħha u tal-obbligi fiskali tagħha. Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, skont ir-regoli nazzjonali applikabbli, il-proċess ta' likwidazzjoni ta' CE Hunedoara jista' jidmum minimu ta' tliet snin jekk jinbeda mill-Istat Rumenu fil-kapaċità tiegħu bħala azzjonist u kreditur ewleni ta' CE Hunedoara. Sa issa t-talbiet ta' insolvenza ppreżentati fil-Qorti Kummerċjali nazzjonali ma wasslux għad-dikjarazzjoni ta' insolvenza permanenti ta' CE Hunedoara.

2.4. Is-self mogħti lil CE Hunedoara

- (24) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni eżaminat ħames każijiet ta' self ifffinanzjati jew appoġġjati b'mod pubbliku mogħtija lil jew għal benefiċċju ta' CE Hunedoara għan-negozju attwali tagħha ta' ġenerazzjoni tal-elettriku u li, sat-30 ta' Ġunju 2016, kienu jammontaw għal dejn dovut lill-Istat Rumenu għall-ammont ta' RON 337 107 835 (madwar EUR 72,48 miljun), inkluż l-ammont prinċipali dovut, l-imgħax u l-imgħax għal pagamenti tard u għal spejjeż oħra. It-Tabella 3 t'hawn taħt turi l-informazzjoni aġġornata tar-Rumanija dwar il-kapital dovut ta' dan is-self, fil-31 ta' Marzu 2018.
- (25) Wara d-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Rumeni pprovdew il-kuntratti tas-self li skonthom it-termini u l-kundizzjonijiet inizjali ewlenin tas-self kienu kif ġej:
- (a) Is-self mill-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ("IBRD") garantit mill-Istat Rumenu permezz tal-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi - "is-self mill-IBRD"
- (26) Dan is-self kien jikkoċerna l-proġett ta' riabilitazzjoni u modernizzazzjoni tal-blokk ta' enerġija Nru 3 f'CET Mintia.
- (27) Għal dan il-għan, f'Awwi 1995, id-Direttorat Awtonomu għall-Enerġija Elettrika "RENEL" (Regia Autonomă de Electricitate) kiseb self mill-Bank Dinji għall-ammont ta' USD 110 000 000 li minnhom l-ammont ta' USD 33 500 000 wara ġie kkanċellat, fi Frar 2001. Sas-17 ta' Mejju 2001, meta l-ftehim kien sospiż minn IBRD, kien ingħed l-ammont totali ta' USD 10 930 016.

⁽²⁰⁾ Deċiżjoni ta' għajjuna għas-salvataġġ tal-21 ta' April 2015, il-premessi 14, 16 u 17.

- (28) Fil-31 ta' Mejju 2002, IBRD kompli l-ftehim ta' self ma' Electrocentrale Deva. Dan il-ftehim kien garantit mill-Gvern Rumien u kien jippreveri li Electrocentrale Deva seta' jkollha ammont massimu ta' USD 69 908 805 (li minnhom l-ammont ta' USD 1 162 752 wara ġie kkanċellat, fi Frar 2005).
- (29) Id-data tal-maturità tas-self kienet l-1 ta' Novembru 2015 u l-iskeda tal-ħlas kienet tipprevedi rimbors f'pagamenti darbtejn fis-sena (li jitħallsu f'Mejju u f'Novembru) għal 14-il sena, mill-2002.
- (30) Ir-rata ta' interess hija ugwali għan-nefqa tas-self kwalifikat u hija ddeterminata fuq il-bażi tas-semestru preċedenti biż-żieda ta' nofs punt perċentwali, barra minn dan, għal ammonti li għalihom ma jkun sar l-ebda għid, Electrocentrale Deva kellha wkoll tħallas it-tariffa ta' impenn ta' 0,25 %.
- (b) Is-self mill-Bank Kummerċjali Rumien ("BCR") mitlub mill-Ministeru għall-Finanzi għall-benefiċċju ta' CE Hunedoara – "is-self mill-BCR"
- (31) Dan is-self intalab sabiex jiġi ffinanzjat 25 % ta' proġett akbar imsemmi "Centrala Electrica Paroseni" rigward l-installazzjoni ta' proċess ta' desulfurizzazzjoni ta' gass ta' skart u għall-bidla fit-teknoloġija għall-ġbir, it-trasportazzjoni u d-depożitu ta' gagazza u rmied. L-iffinanzjar tal-partijiet l-oħra kien żgurat permezz ta' self mill-BRD (li kien ikopri 25 % tal-ispejjeż totali - informazzjoni dwar dan is-self tingħata taħt il-punt (d) hawn taħt) u self mill-Bank Ewropew għall-Investment ("BEI") (għal 50 % tal-ispejjeż totali; dan is-self mhux kopert mid-deċizzjoni tal-ftuħ).
- (32) Permezz ta' kuntratt ta' self mibdi fit-3 ta' Diċembru 2013 bejn il-BCR u l-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi, ingħata self għal investiment mill-bank lil mutwatarju, li dan wara ġie mgħoddi lil CE Hunedoara bħala parti minn ftehim ta' self sussidjarju li nbada fil-5 ta' Diċembru 2013.
- (33) Il-kuntratt ta' self u l-ftehim ta' self sussidjarju t-tnejn kienu jikkonċernaw l-istess kapital ta' RON 83 485 450 (jiġifieri EUR 17 950 000) li inizjalment kien ingħata mill-bank lill-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi, u wara dan, minn dan tal-aħħar lil CE Hunedoara.
- (34) Iż-żmien ta' maturità għas-self kien ta' 15-il sena, b'perjodu ta' konċessjoni ta' 3 snin. L-iskeda tal-pagament kienet tipprevedi rimbors b'25 pagament ugwali li jsiru darbtejn fis-sena. Ir-rata tal-imgħax kienet stabbilita għal 4,20 % fis-sena.
- (35) L-ammonti kollaterali relatati ma' dan is-self mill-BCR, li jservu wkoll bħala ammonti kollaterali wkoll għas-self mill-BRD ta' EUR 14 700 000 (jiġifieri RON 68 369 000) spjegati taħt il-punt (d) hawn taħt kif ukoll self relatat mill-BEI ta' EUR 32 650 000 (jiġifieri RON 151 855 150) mhux inkużi fid-deċizzjoni tal-ftuħ, kienu stabbiliti bħala ipoteka fuq proprjetà immobbli u assi mobbli ta' CE Hunedoara b'valur totali ta' EUR 93 323 204 (jiġifieri RON 417 481 353,09).
- (36) Fir-rigward ta' dan is-self mill-BCR, CE Hunedoara kellha tħallas ukoll 2,5 % bħala kummissjoni fuq ir-riskju lill-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi, jiġifieri EUR 448 750 maqsuma fi tmien partijiet, għall-"Fond għar-riskju għal dejn pubbliku tal-gven".
- (c) Is-self mill-Bank għall-Iżvilupp Rumien ("BRD") mitlub mill-Ministeru għall-Finanzi u subordinat lil CE Hunedoara – "is-self mill-BRD"
- (37) Dan is-self intalab għall-iffinanzjar tal-proġett "Centrala Electrică Paroseni".
- (38) Permezz ta' kuntratt ta' ffinanzjar mibdi fid-19 ta' Mejju 2014 bejn il-BRD u l-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi, ingħata self mill-bank lil mutwatarju, li dan wara ngħadda lil CE Hunedoara bħala parti minn ftehim ta' self sussidjarju li nbada fil-5 ta' Ġunju 2014.
- (39) Il-kuntratt ta' ffinanzjar imsemmi hawn fuq u l-ftehim ta' self sussidjarju t-tnejn kienu jikkonċernaw l-istess ammont ta' RON 68 371 170 (jiġifieri EUR 14 700 000) li inizjalment kien ingħata mill-bank lill-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi, u wara dan minn dan tal-aħħar lil CE Hunedoara.
- (40) Iż-żmien ta' maturità għas-self kien ta' 15-il sena, b'perjodu ta' konċessjoni ta' 3 snin. L-iskeda tal-pagament kienet tipprevedi rimbors b'25 pagament ugwali li jsiru darbtejn fis-sena. Ir-rata tal-imgħax kienet stabbilita għal 3,79 % fis-sena.
- (41) L-ammonti kollaterali relatati ma' dan is-self mill-BRD, imma li jservu bħala ammonti kollaterali wkoll għas-self mill-BCR ta' EUR 17 950 000 (jiġifieri RON 83 485 450) spjegati taħt il-punt (c) hawn fuq kif ukoll self relatat mill-BEI ta' EUR 32 650 000 (madwar RON 151 855 150) mhux inkużi fid-deċizzjoni tal-ftuħ, kienu stabbiliti bħala ipoteka fuq proprjetà immobbli u assi mobbli ta' CE Hunedoara b'valur totali ta' EUR 93 323 204 (jiġifieri RON 417 481 353,09).
- (42) Fir-rigward ta' dan is-self mill-BRD, CE Hunedoara kellha tħallas ukoll 2,5 % bħala kummissjoni fuq ir-riskju lill-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi, jiġifieri EUR 367 000 maqsuma fi tmien partijiet, għall-"Fond għar-riskju għal dejn pubbliku tal-gven".

- (43) Is-self mill-BRD u s-self mill-BCR iffinanzjaw investimenti għal konformità ambjentali fl-impjant ta' Paroseni (standards tal-UE stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali). Tali investimenti ma setgħux jiġġeneraw aktar rendiment jew inaqqsu spejjeż tal-produzzjoni biex dħul addizzjonali mill-operat ikun jista' jintuża biex jitħallas lura s-self. Kienu biss kundizzjoni minn qabel għall-impjant sabiex dan ikun jista' jibqa' jopera. Attwalment, ir-rikors għal self privat mogħtija lil u sussegwentement mill-Istat Rumani sabiex jifinanzja konformità ambjentali fl-2013-2014 sar skont każ fejn ir-Rumanija kienet ipprovdiet għotjiet tal-istess tip ta' installazzjoni (desulfurizzazzjoni ta' gass mit-trombi ta' ċmieni) għal impjanti oħra ta' enerġija termali fl-2010 (CE Turceni) u fl-2011 (CE Craiova II) u fejn l-iskambji saru mal-awtoritajiet Rumani fl-2012 ⁽²¹⁾. Għaldaqstant jidher xieraq li jiġi kkunsidrat li s-self mill-BRD u s-self mill-BCR trasferiti mill-Istat u għall-finanzjament ta' konformità kienu għotjiet *de facto*, bħall-predeċessuri għal impjanti oħra tal-enerġija fl-2011 u fl-2012.
- (d) Self ipprovdut għall-ħlas ta' għajjnuna inkompatibbli mitluba li għandha tkun irkuprata mid-Deċiżjoni dwar l-għajjnuna inkompatibbli; kapital u imgħax – "is-self biex titthallas lura l-għajjnuna inkompatibbli"
- (44) Abbażi tal-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 11 tat-13 ta' Mejju 2015 dwar l-għotja ta' self lil CE Hunedoara S.A., sar ftehim għal self fid-9 ta' Ġunju 2015 bejn il-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi, CE Hunedoara u l-Ministeru għall-Enerġija, l-SMEs u l-Ambjent Kummerċjali.
- (45) Il-ftehim għal self imsemmi hawn fuq ta' self lil CE Hunedoara għall-ammont ta' RON 34 785 015 (madwar EUR 7 478 778). Dan is-self intuża biex titthallas lura l-għajjnuna inkompatibbli msemmija fil-premessa 5.
- (46) Il-maturità tas-self kienet ta' 90 jum, u għalhekk kien dovut fit-8 ta' Settembru 2015. Ir-rata tal-imgħax maqbula kienet stabbilita għall-valur ta' ROBOR fuq 3 xhur biż-żieda ta' 5 %, jiġifieri 6,27 % fis-sena u kienet stabbilita biex tibqa' fissa matul il-perjodu tas-self.
- (47) Skont l-Artikolu 2(2) tal-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 11 tat-13 ta' Mejju 2015 imsemmija qabel, l-ammonti kollaterali kienu stabbiliti bil-valur ta' RON 49 380 000 (madwar EUR 10 616 700), jiġifieri 120 % tas-self.
- (e) Self li jirrapreżenta għajjnuna mogħtija skont id-deċiżjoni għal għajjnuna ta' salvataġġ u imgħax – "is-self għal għajjnuna ta' salvataġġ"
- (48) Abbażi tal-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 22 tal-24 ta' Ġunju 2015 dwar l-għotja ta' self lil CE Hunedoara S.A., sar ftehim għal self fl-14 ta' Lulju 2015 bejn il-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi, CE Hunedoara u l-Ministeru għall-Enerġija, l-SMEs u l-Ambjent Kummerċjali.
- (49) Il-ftehim għal self imsemmi hawn fuq ippreveda l-għoti ta' ammont prinċipali ta' RON 167 000 000 (madwar EUR 35 905 000) lil CE Hunedoara, maqsum f'żewġ partijiet, bl-ewwel parti tammonta għal RON 98 476 900 (madwar EUR 21 172 533) li ngħatat fl-20 ta' Lulju 2015, filwaqt li t-tieni parti ta' RON 68 523 100 (madwar EUR 14 732 466) fil-fatt ma ngħatatx minħabba li CE Hunedoara ma ħallsitx lura self ieħor, li kien ingħata fuq il-bażi tal-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 11/2015 u li kien relatat mal-ħlas lura tad-Deċiżjoni dwar l-għajjnuna inkompatibbli (ara l-punt (d) hawn fuq).
- (50) Il-maturità tas-self ta' għajjnuna għal salvataġġ kienet ta' 6 xhur, jiġifieri għall-perjodu bejn April u Settembru 2015, madankollu, minħabba r-raġunijiet spjegati hawn fuq, CE Hunedoara rċeviet biss l-ewwel parti tas-self.
- (51) Ir-rata tal-imgħax maqbula kienet stabbilita għall-valur ta' ROBOR fuq 6 xhur biż-żieda ta' 5 %, jiġifieri 6,57 % fis-sena u kienet stabbilita biex tibqa' fissa matul il-perjodu tas-self.
- (52) Skont l-Artikolu 3(3) tal-Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 22 tal-24 ta' Ġunju 2015 imsemmija qabel, l-ammonti kollaterali kienu stabbiliti bil-valur ta' RON 123 960 000 (madwar EUR 26 651 400), jiġifieri 120 % tas-self.

2.5. Raġunijiet għall-ftuħ tal-proċedura

- (53) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni b'mod preliminari sabet li ħames każijiet ta' self iffinanzjat jew appoġġjat pubblikament mogħtija lil jew għall-benefiċċju ta' CE Hunedoara setgħu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, li kienu għadhom dovuti għal ammont ta' 337 miljun RON (madwar EUR 73 miljun) bħala total fit-30 ta' Ġunju 2016.

⁽²¹⁾ SA. 33812 (2012/NN) – ir-Rumanija - Għajjnuna mill-Istat illegali għal proġetti ambjentali obligatorji.

- (54) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni qajmet dubju dwar jekk il-kundizzjonijiet ta' kompatibilità mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE għall-għajjnuna għar-ristrutturar, stabbiliti fil-Linji Gwida ta' għajjnuna S&R ġewx issodisfati. Il-Kummissjoni nnutat li l-awtoritajiet Rumeni ma kienux issottomettew pjan ta' ristrutturar validu jew pjan ta' likwidazzjoni ċar skont skeda ta' żmien raġonevoli għall-kumpanija, u l-ebda kontribuzzjoni identifikabbli u valida minn CE Hunedoara għall-ispejjeż tar-ristrutturar, lanqas ma setgħu jġu identifikati miżuri li jillimitaw id-distorsjoni għall-kompetizzjoni, li huma kundizzjonijiet għall-konformità tal-għajjnuna għal ristrutturar skont il-Linji Gwida ta' għajjnuna S&R. Finalment, CE Hunedoara la kienet ħallset lura l-għajjnuna għas-salvataġġ u lanqas is-self, li kellu jippermetti li din tħallas lura għajjnuna inkompatibbli tal-passat.
- (55) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni dwar jekk is-self li nġhata kienx ikun disponibbli għal CE Hunedoara fis-swieq finanzjarji u jekk dan ingħatax skont il-kundizzjonijiet tas-suq, il-Kummissjoni talbet lir-Rumanija sabiex tippreżenta
- l-kunsiderazzjonijiet dwar l-affidabbiltà kreditizja, l-istandards tas-suq u l-klassifikazzjonijiet ta' CE Hunedoara li l-awtoritajiet Rumeni kienu kkunsidraw sabiex iwaqqfu u jstabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-appoġġ tagħhom, kif dokumentat permezz ta' evidenza kontemporanja għad-dati tal-għoti, l-għoti subordinat jew il-garanzija ta' kull self;
 - evidenza ta' offerti ta' self lil CE Hunedoara li saru minn istituzzjonijiet finanzjarji tas-suq jew banek bejn l-2012 u l-2016, fejn ikun speċifikat jekk intalbitx garanzija mill-Istat jew pubblika, u
 - l-informazzjoni kollha li tista' tgħin fil-valutazzjoni tal-ħames każijiet ta' self.

3. KUMMENTI MIR-RUMANIJA

- (56) Fil-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-Kummissjoni, ir-Rumanija tissottometti informazzjoni u għadd ta' osservazzjonijiet, kif ġej.

3.1. Kummenti li jikkonċernaw il-kapital dovut u l-ammonti dovuti fuq il-ħames każijiet ta' self

(a) Is-self mill-IBRD

- (57) Mill-pagament dovut f'Novembru 2014, minħabba d-diffikultajiet finanzjarji tagħha, CE Hunedoara ma setgħetx tkompli tagħmel pagamenti u talbet lill-garanti tagħha, il-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi, sabiex iħallas il-bqija tal-pagamenti minflokha.
- (58) Il-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi, bħala garanti ta' CE Hunedoara, ħallas it-3 pagamenti li kien fadal (jiġifieri Novembru 2014, Mejju 2015 u Novembru 2015) u kkalkula l-penali u l-imġhax għal hłas tard li kienu dovuti lil minn CE Hunedoara. Id-dejn li CE Hunedoara kellha tħallas lill-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi (inkluż it-tliet pagamenti u l-penali u l-imġhax korrispondenti tagħhom) kien jammonta għal RON 60 711 568 (madwar EUR 13 052 987) fil-31 ta' Marzu 2018.

(b) Is-self mill-BCR

- (59) Minn Ottubru 2015, minħabba d-diffikultajiet finanzjarji tagħha, CE Hunedoara infurmat lill-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi li ma setgħetx tibqa' tħallas il-pagamenti. Fil-31 ta' Diċembru 2017 CE Hunedoara kellha tagħti lill-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi l-ammont ta' EUR 5 343 411 (madwar RON 24 853 078) li jikkorrispondi għall-ammonti dovuti bħala ammont kapitali, imġhax u kummissjoni fuq ir-riskju, flimkien ma' ammont addizzjonali ta' EUR 564 163 (madwar RON 2 763 553) bħala imġhax u penali fuq hłas tard.
- (60) Fil-31 ta' Marzu 2018, mill-ammont kapitali ta' EUR 17 950 000 (madwar RON 83 485 450), l-ammont ta' EUR 2 154 000 kien tħallas lura (madwar RON 10 018 254) u għalhekk kienu għadhom dovuti EUR 15 796 000 (madwar RON 73 467 196).

(c) Is-self mill-BRD

- (61) Minn Frar 2016, minħabba d-diffikultajiet finanzjarji tagħha, CE Hunedoara infurmat lill-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi li ma setgħetx tibqa' tħallas il-pagamenti. Fil-31 ta' Marzu 2018 CE Hunedoara kellha tagħti lill-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi l-ammont ta' EUR 3 000 357 (madwar RON 13 955 150) li jikkorrispondi għall-ammonti dovuti bħala ammont kapitali, imġhax u kummissjoni fuq ir-riskju, kif ukoll imġhax u penali fuq hłas tard.
- (62) Fil-31 ta' Marzu 2018, mill-ammont kapitali ta' EUR 14 700 000 (madwar RON 68 371 170), l-ammont ta' EUR 1 764 000 kien tħallas lura (madwar RON 8 204 364) u għalhekk kienu għadhom dovuti EUR 12 936 000 (madwar RON 60 166 806).

(d) Is-self biex titħallas lura għajnuna inkompatibbli

- (63) Fit-8 ta' Settembru 2015, meta kien dovut il-ħlas lura tas-self iżda dan ma tħallasx, l-imgħax għal ħlas tard kien ikkalkulat u akkumulat mill-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi għal kull jum ta' dewmien. Fil-31 ta' Marzu 2018 id-dejn pendenti ta' CE Hunedoara relatat ma' dan is-self kien ta' RON 42 339 794,26 (madwar EUR 9 103 055), li jikkonsisti fl-ammont kapitali ta' RON 34 785 015 (madwar EUR 7 478 778), imgħax fuq is-self ta' RON 545 255,11 (madwar EUR 117 229) u imgħax fuq ħlas tard ta' RON 7 009 525,58 (madwar EUR 1 507 048)

(e) Is-self għal għajnuna ta' salvataġġ

- (64) Mill-ammont ta' RON 98 476 900 (madwar EUR 21 172 533) li jirrappreżenta l-ewwel parti, CE Hunedoara użat biss RON 93 450 841,17 (madwar EUR 20 091 930) u tat lura d-differenza ta' RON 5 026 058,86 (madwar EUR 1 080 602) lill-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi. Fil-31 ta' Marzu 2018 id-dejn pendenti ta' CE Hunedoara relatat ma' dan is-self kien ta' RON 112 579 946,05 (madwar EUR 24 204 688), li jikkonsisti fl-ammont kapitali ta' RON 93 450 841,17 (madwar EUR 20 091 930), imgħax fuq is-self ta' RON 3 306 854,30 (madwar EUR 710 973) u imgħax fuq ħlas tard ta' RON 15 822 250,68 (madwar EUR 3 401 783).

Tabella 3

L-informazzjoni tar-Rumanija rigward il-kapital pendenti u l-ammonti dovuti fil-ħames każijiet ta' self, fil-31 ta' Marzu 2018

	Is-self mill-IBRD	Is-self mill-BCR	Is-self mill-BRD	Self għar-rimborż ta' għajnuna inkompatibbli	Self għall-għajnuna għas-salvataġġ
Data tal-għotja	31.5.2002	5.12.2013	5.6.2014	9.6.2015	14.7.2015
Kapital oriġinali	USD 68,75 miljun	EUR 17,95-il miljun	EUR 14-il miljun	RON 34,8 miljun	RON 98,5 miljun
Kapital ta' self pendenti mill-31.3.2018	0	EUR 15,79-il miljun (RON 73,5 miljun)	EUR 12,9-il miljun (Ron 60,1 miljun)	RON 34,8 miljun	RON 93,4 miljun
Kapital, penali u mgħax dovuti lill-Ministeru għall-Finanzi mill-31.3.2018	RON 60,7 miljun (EUR 13,1-il miljun)	EUR 5,3 miljun (RON 24,9 miljun)	EUR 3,0 miljun (RON 13,9-il miljun)	RON 42,3 miljun	RON 112,6-il miljun

3.2. Kummenti oħra

- (65) L-ewwel nett, ir-Rumanija offriet kjarifika fir-rigward tas-self għal għajnuna ta' salvataġġ approvat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2015. Kif indikat ukoll fid-deċiżjoni tal-ftuħ, fiż-żmien li s-self għas-salvataġġ kien approvat, ir-Rumanija kienet ikkomettet li tippreżenta, fi żmien massimu ta' sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni dwar għajnuna għas-salvataġġ, jew: (i) il-prova li s-self kien tħallas lura, jew (ii) pjan validu ta' ristrutturar, jew (iii) pjan ta' likwidazzjoni sostanzjat li jstabbilixxi l-passi li jwasslu għal-likwidazzjoni ta' CE Hunedoara fi skeda ta' żmien raġonevoli, mingħajr aktar għajnuna. F'dan ir-rigward, ir-Rumanija kkonfermat li hi fil-fitt kienet għażlet ir-ristrutturar alternattiv ta' CE Hunedoara.
- (66) It-tieni nett, fir-rigward tad-deċiżjoni tal-ftuħ, ir-Rumanija ppreżentat li, fl-opinjoni tagħha, is-self għal għajnuna ta' salvataġġ approvat mid-deċiżjoni dwar għajnuna għas-salvataġġ ma kien jagħti l-ebda vantaġġ ekonomiku reali lill-benefiċjarju (jiġifieri lil CE Hunedoara). Ir-Rumanija ddikjarat li s-self ingħata skont kundizzjonijiet eżistenti fis-suq bankarju, jiġifieri fuq il-bażi ta' analiżi ekonomika-finanzjarja mwettqa minn EximBank, kif ukoll il-garanziji imposti mill-Awtorità Nazzjonali għall-Amministrazzjoni tat-Taxxa li kkunsidraw il-valur tas-suq tal-kollateral, li kien ikopri mill-anqas 120 % tal-valur tas-self.
- (67) It-tielet nett, rigward il-proċess ta' likwidazzjoni ta' CE Hunedoara u s-separazzjoni legali bejn in-negozju tal-minjieri tal-faħam u n-negozju tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, ir-Rumanija spjegat li: (i) in-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji, (ii) il-fatt li CE Hunedoara temporanjament daħlet f'insolvenza fuq talba tal-Kumpanija darbtejn fl-2016 u wara din inħarġet mill-istat ta' insolvenza kull darba, kif ukoll (iii) il-fatt li l-qrati nazzjonali, fiż-żmien tas-sottomissjoni tar-Rumanija, kienu għadhom ma ħadux deċiżjoni dwar talba oħra għal proċedimenti ta' insolvenza miftuħa, kollha jikkostitwixxu raġunijiet li pprevenew is-separazzjoni legali tal-minjieri tal-faħam mill-ġenerazzjoni tal-elettriku.

- (68) Ir-Rumanija spjegat li s-separazzjoni legali tirrikjedu l-osservanza ta' ċerti passi proċedurali previsti u li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe intervent minn partijiet terzi interessati, il-proċess normalment idum bejn 6 u 9 xhur. Ir-Rumanija kompliet tisħaq li madankollu xorta waħda jinżammu kontijiet separati għall-attivitajiet tal-minjieri tal-faħam u tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, u li l-ghajjnuna għas-salvataġġ kienet se tintuża esklussivament għan-negozju tal-enerġija, kif kien ippreżentat ukoll fin-notifika għall-ghajjnuna għas-salvataġġ.
- (69) Ir-raba nett, fir-rigward tad-deċiżjoni tal-ftuħ li tikkonċerna l-kundizzjonijiet għall-ghajjnuna għal fornituri ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ("SGEI"), ir-Rumanija sottomettiet li CE Hunedoara kienet se tkun il-fornitur ta' servizzi indispensabbli għall-funzjonament tas-sistema tal-enerġija elettrika nazzjonali, li fil-fatt kien jintitola lil CE Hunedoara biex tirċievi kumpens, skont id-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ ⁽²²⁾. F'dan ir-rigward, ir-Rumanija żiedet li informazzjoni meħtieġa għad-definizzjoni ta' SGEI, l-mandat tiegħu, il-kalkolu tal-kumpens u t-tul tagħha bdew jingħataw lill-Kummissjoni sa mill-2016 u dalwaqt kienu se jitlestew.
- (70) Il-ħames nett, ir-Rumanija sottomettiet ukoll li skont studji li saru mill-Kumpanija Nazzjonali għat-Trasport tal-Enerġija Elettrika Transelectrica S.A., il-waqfien taż-żewġ impjanti ta' ġenerazzjoni tal-enerġija, Mintia u Paroseni, kien ser jaffetwa b'mod negattiv il-funzjonament tas-sistema nazzjonali tal-enerġija elettrika.
- (71) Is-sitt nett, skont l-istimi tar-Rumanija, unitajiet oħra li jipproduċu l-enerġija elettrika jkunu mistennija li ma jibqgħux disponibbli fil-futur viċin minħabba d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1442 ⁽²³⁾.
- (72) Madankollu, ir-Rumanija ma pprovdiet l-ebda informazzjoni li tagħti evidenza ta' valutazzjoni *ex ante* mill-awtoritajiet Rumani jew minn atturi tas-suq qabel l-ġhoti tas-self, u ma pprovdietx evidenza ta' appoġġ għall-kompatibbiltà tas-self ma' regoli tal-ghajjnuna mill-Istat.
- (73) Fil-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, ir-Rumanija ma kkuntestatx li s-self għal ghajjnuna ta' salvataġġ, is-self mogħti biex titħallas lura ghajjnuna inkompatibbli, u t-tliet każijiet l-oħra ta' self jirrappreżentaw riżorsi tal-Istat u li huma attribwiti lill-Istat.

4. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

- (74) Din id-deċiżjoni tikkonċerna il-ħames każijiet ta' self ifffinanzjat jew appoġġjat pubblikament deskritti fit-Taqsima 2.4.
- (75) Din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra ta' appoġġ mogħtija lil CE Hunedoara. Dan jinkludi, b'mod partikolari, il-postponiment jew il-kanċellazzjoni ta' dejn minn entitajiet pubbliċi għall-benefiċċju dirett ta' CE Hunedoara, kif hemm referenza fid-deċiżjoni tal-ftuħ kif ukoll kanċellazzjonijiet preċedenti jew abbandun ta' dejn pubbliku dovut mill-kumpanija National Hard Coal Company JSC Petrosani qabel il-likwidazzjoni tagħha, fil-każ li CE Hunedoara ssir is-suċċessur ekonomiku tal-kumpanija tal-aħħar.
- (76) Il-Kummissjoni l-ewwel se teżamina jekk il-ħames miżuri inkwistjoni jinvolvux ghajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE. Wara l-Kummissjoni se teżamina jekk l-ghajjnuna kinitx diġà implimentata u jekk tali ghajjnuna tistax tkun kompatibbli mas-suq intern.
- (77) Bħala osservazzjoni preliminari, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-kummenti tar-Rumanija fir-rigward tas-self mill-BCR u mill-BRD. L-ewwel, filwaqt li r-Rumanija fil-fatt ħallset parti mill-ammont kapitali lil BCR u BRD rispettivament (fil-kwalità tagħha ta' mutwatarju), dan ma kienx il-każ għal CE Hunedoara, għax din tal-aħħar ma ħallset l-ebda parti mill-kapital (tas-self subordinat) lill-Istat Rumani, u għaldaqstant fil-verità l-kapital oriġinali kollu (tas-self subordinat) għadu pendent, u mhux parti biss minnu. It-tieni, il-Kummissjoni lanqas ma taqbel mal-kummenti tar-Rumanija fir-rigward tas-somom dovuti lill-Ministeru għall-Finanzi fil-31 ta' Marzu 2018 għal dawn iż-żewġ każijiet ta' self; fil-fatt, kif se jkun spjegat hawn taħt, il-Kummissjoni tqis li l-ammonti kapitali sħaħ tas-self (subordinat) mill-BCR u mill-BRD (u mhux biss il-pagamenti tal-kapital li kellhom jitħallsu sal-31 ta' Marzu 2018 skont l-iskeda tal-pagamenti) huma diġà dovuti fl-intier tagħhom minn CE Hunedoara lill-Istat Rumani.

4.1. Eżistenza ta' ghajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE

- (78) Skont l-Artikolu 107(1) TFUE "kull ghajjnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriji jew ċerti produttori għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

⁽²²⁾ Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 26/2018 u Deċiżjoni tal-Gvern Nru 760/2017.

⁽²³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1442 tal-31 ta' Lulju 2017 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għall-impjanti kbar tal-kombustjoni (ĠU L 212, 17.8.2017, p. 1).

- (79) Il-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għaldaqstant tirrikjedi li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (i) il-miżura trid tkun tista' tiġi attribwita lill-Istat u ffinanzjata minn riżorsi tal-Istat; (ii) din trid tagħti vantaġġ lil min jirċeviha; (iii) dak il-vantaġġ irid ikun selettiv; u (iv) il-miżura trid twassal għal distorsjoni jew tkun ta' theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni u tafferwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

4.1.1. Riżorsi tal-Istat u imputabbiltà lill-Istat

- (80) Kif ġie ddikjarat mill-Qorti ⁽²⁴⁾, sabiex miżuri jiġu kwalifikati bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, (a) dawn iridu jiġu mir-riżorsi tal-Istat, direttament jew indirettament minn kwalunkwe entità intermedjarja li taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha u (b) dawn iridu jkunu attribwibbli għall-Istat. L-idea ta' Stat Membru jinkludi l-livelli kollha ta' awtoritajiet pubbliċi, irrispettivament minn jekk din hix awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali ⁽²⁵⁾.
- (81) Fir-rigward tas-self mill-IBRD, ir-Rumanija spjegat li dan is-self kien ir-riżultat ta' ftehim iffirmit fil-31 ta' Mejju 2002 bejn l-IBRD u Electrocentrale Deva, il-predeċessur legali ta' CE Hunedoara. Dan il-ftehim ta' self kien garantit mill-Gvern Rumun. Skont il-ġurisprudenza ⁽²⁶⁾, il-ħolqien ta' riskju konkret bl-impożizzjoni ta' piż addizzjonali fuq l-Istat fil-futur, permezz ta' garanzija jew ta' offerta kuntrattwali, huwa biżżejjed għall-iskopijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE. Bħala tali, il-garanzija tas-self mill-IBRD kienet tinvolvi riżorsi mill-baġit tal-Istat.
- (82) Fir-rigward tas-self mill-BCR, ir-Rumanija kkonfermat li dan is-self kien riżultat ta' kuntratt li nbeda fit-3 ta' Diċembru 2013 bejn BCR u l-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi bħala finanzjament għall-proġett ta' investiment "Centrala Electrică Paroşeni". Dan is-self sussegwentement ġie mogħti wkoll lil CE Hunedoara bħala ftehim ta' self sussidjarju li nbeda fil-5 ta' Diċembru 2013. Bħala tali, il-ftehim ta' self sussidjarju (relatat mas-self mill-BCR taħt kuntratt mill-Istat Rumun) kien offrut lil CE Hunedoara minn riżorsi li ġejjin mill-baġit tal-Istat.
- (83) Fir-rigward tas-self mill-BRD, ir-Rumanija kkonfermat li dan is-self kien ir-riżultat ta' ftehim iffirmit fid-19 ta' Mejju 2014 bejn il-BRD u l-Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi. Dan is-self ingħata mill-bank lil mutwatarju, li sussegwentement għaddieh lil CE Hunedoara bħala ftehim ta' self sussidjarju li nbeda fil-5 ta' Ġunju 2014, biex jiffinanzja kwart ieħor ta' "Centrala Electrică Paroşeni". Bħala tali, il-ftehim ta' self sussidjarju (relatat mas-self mill-BRD taħt kuntratt mill-Istat Rumun) kien offrut lil CE Hunedoara minn riżorsi li ġejjin mill-baġit tal-Istat.
- (84) Is-self ta' għajnuna għas-salvataġġ, inkluż il-porzjon imtawwal u mhux imħallas tiegħu, u s-self biex titħallas lura l-għajnuna inkompatibbli jinvolvu riżorsi tal-Istat, minħabba li dawn kienu pprovduti minn fondi mwarrba fi u li ġejjin mill-baġit tal-Istat.
- (85) Id-diversi atti li bihom il-Ministeru għall-Finanzi kkontratta, issubordina jew iggarantixxa self lil CE Hunedoara, kemm *ex officio*, permezz tas-setgħat tal-Istat mogħtija lilu, jew skont l-istruzzjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri tar-Rumanija, huma imputabbli lill-Istat Rumun.
- (86) Abbażi ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ħames każijiet ta' self inkwistjoni jinvolvu riżorsi tal-Istat u huma imputabbli lill-Istat Rumun.

4.1.2. Vantaġġ ekonomiku

- (87) L-Artikolu 107(1) TFUE jirrikjedi li miżura, sabiex tkun definita bħala għajnuna mill-Istat, tiffavorixxi *ċerti impriżi jew ċerti produttori*. Self jew garanzija pprovduti mill-Istat direttament jew indirettament, jistgħu jiffavorixxu lill-impriża benefiċjarja meta dawn jiprovdu fondi li l-benefiċjarju ma kienx isib fis-swieq finanzjarji bl-istess kundizzjonijiet, jew l-ebda fond. Sabiex tivverifika jekk impriża tkunx ibbenefikat minn vantaġġ ekonomiku, il-Kummissjoni tapplika l-kriterju tal-"prinċipju ta' operatur tal-ekonomija fis-suq" ("il-prinċipju MEO"). Skont dan il-prinċipju, il-valutazzjoni tiffoka fuq it-transazzjoni mill-perspettiva ta' kreditur/investitur privat prudenti ipotetiku, f'sitwazzjoni viċin kemm jista' jkun għal dik tal-Istat ⁽²⁷⁾.
- (88) Fil-każ inkwistjoni, l-Istat Rumun huwa kemm kreditur u kemm l-azzjonist ewlieni ta' CE Hunedoara. F'din is-sitwazzjoni, ir-Rumanija setgħet tipprovdi jew tiggarrantixxi self jew garanzija jikkonformaw mal-MEO fuq bażi indipendenti jekk it-termini li bihom jingħata s-self huma skont il-kundizzjonijiet tas-suq, sakemm teżisti l-probabbiltà ta' ħlas lura jew dħul miżjud lill-azzjonist f'forma differenti.

⁽²⁴⁾ Ara l-Kawża C-482/99 *Franza vs Il-Kummissjoni (Stardust Marine)*, ECLI:EU:C:2002:294.

⁽²⁵⁾ Il-Kawża C-248/84 *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1987:437, il-paragrafu 17.

⁽²⁶⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Marzu 2013, *Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni u Oħra*, Kawża Konġunti C-399/10 P u C-401/10 P, ECLI:EU:C:2013:175, il-paragrafi 137, 138 u 139.

⁽²⁷⁾ Il-Kawża C-300/16P *Il-Kummissjoni vs Frucona Košice*, ECLI:EU:C:2017:706, il-paragrafu 28.

- (89) Għaldaqstant, il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet li bihom jingħata s-self minn azzjonist trid tikkunsidra d-dħul possibbli mis-sehem li l-azzjonist jista' jistenna b'mod raġonevoli fil-kapaċità tiegħu bħala azzjonist. F'dan il-każ, dan huwa evidenti fid-dawl ta' (i) iċ-ċifri finanzjarji ta' CE Hunedoara murija fit-Tabella 2 hawn fuq; (ii) l-ispejjeż tal-produzzjoni marġinali sostanzjalment oġġla ta' CE Hunedoara meta mqabbla mal-prezzijiet tas-suq; u (iii) l-istorja tal-kumpaniji predeċessuri, li l-Istat Rumani, jew kwalunkwe investitur fis-suq f'pożizzjoni simili bħall-Istat, ma seta' jistenna l-ebda dħul possibbli fil-forma ta' dividendi jew qligħ kapitali mill-ishma tiegħu f'CE Hunedoara sa mill-2013.
- (90) L-ewwelnett, għat-tliet każijiet ta' self minn IBRD, BCR u BRD ikkuntrattat jew iggarantit mill-Ministeru għall-Finanzi Rumani għall-benefiċċju ta' CE Hunedoara, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija u l-istorja tal-predeċessuri tagħha għandhom jiġu kkunsidrati għall-valutazzjoni, għax dan kien jiġi eżaminat minn kwalunkwe sellief jew investitur prudenti fis-suq. Anke qabel April 2015, meta CE Hunedoara allegatament ma setgħetx taċċessa finanzi fuq termini tas-suq, il-kumpanija kienet qed tagħmel telf konsistenti mill-ewwel sena tal-operat sħiħ tagħha meta l-minjieri tal-faħam u l-ġenerazzjoni tal-enerġija kienu inklużi taħt l-istess kumpanija.
- (91) It-tieni nett, fir-rigward tas-self għall-ħlas lura tal-ġhajjnuna inkompatibbli, id-deċiżjoni tal-ftuħ innutat li, vantaġġ ekonomiku ta' natura simili (bħal dak relatat mas-self għas-salvataġġ) ingħata lil CE Hunedoara bħala kumpanija suċċessur li topera assi għall-ġenerazzjoni ta' enerġija ta' Electrocentrale Paroşeni u Electrocentrale Deva permezz ta' ġhajjnuna mill-Istat li kienet is-suġġett tad-Deċiżjoni dwar l-ġhajjnuna inkompatibbli adottata fl-20 ta' April 2015 u, b'konsegwenza ta' dan, permezz tas-self pubbliku mogħti lil CE Hunedoara biex tħallasha lura. Is-self biex tħallas lura l-ġhajjnuna inkompatibbli ngħata fi żmien meta, skont ir-Rumanija, CE Hunedoara ssodisfat il-kriterji biex tkun suġġetta għal proċedimenti ta' insolvenza taħt il-liġi Rumana, u għalhekk, jista' jkun eskluż il-fatt li l-kumpanija setgħet issib finanzjament simili f'termini tas-suq.
- (92) It-tielet nett, fir-rigward tas-self għal ġhajjnuna ta' salvataġġ, kif indikat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Rumani ddikjaraw li CE Hunedoara ma setgħetx tikseb dan minn banek kummerċjali, u b'mod aktar ġenerali, huma rrikonoxxew li dan kien qed jipprovdi vantaġġ (selettiv) ⁽²⁸⁾. Il-porzjon imtawwal u li għadu ma tħallasx lura tas-self għal ġhajjnuna ta' salvataġġ miżmum minn CE Hunedoara jikkostitwixxi wkoll vantaġġ ekonomiku li l-kumpanija ma tistax tikseb fil-kundizzjonijiet tas-suq, pereżempju bl-iffinanzjar mill-ġdid u l-ħlas lura tal-porzjon mhux imħallas b'self minn bank kummerċjali.
- (93) Fil-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, ir-Rumanija argumentat li hi fil-fatt kellha l-intenzjoni li tirris-truttura lil CE Hunedoara u tbiddel is-self għal salvataġġ f'parti minn ġhajjnuna għal ristrutturatur. Madankollu, il-Kummissjoni tinnotta li r-Rumanija ma ppreżentatx pjan ta' ristrutturatur validu skont il-Linji Gwida S&R, u l-intenzjoni għal ristrutturatur waħedha ma tnaqqasx il-vantaġġ mogħti mis-self għal ġhajjnuna ta' salvataġġ minħabba li s-self ma tħallasx fi żmien sitt xhur wara l-għoti tal-ġhajjnuna.
- (94) Ir-Rumanija kompliet targumenta fil-kummenti tagħha għad-deċiżjoni tal-ftuħ li s-self ta' salvataġġ kien ingħata skont "kundizzjonijiet eżistenti fis-suq bankarju" wara l-analiżi minn EximBank u li dan kien ġie kollateralizzat. Din id-dikjarazzjoni, madankollu, hija ppruvata bħala falza mis-sempliċi fatt li CE Hunedoara ma kinitx kapaċi tikseb self minn banek kummerċjali kif spjegat fil-premessi 100 u 101 ta' din id-deċiżjoni. Barra minn dan, ir-Rumanija ma pprovdietx analiżi għar-riskju ta' kreditu tal-EximBank.
- (95) Ir-raba nett, il-kumpaniji predeċessuri wkoll ta' CE Hunedoara ma kienux kapaċi jonoraw id-djun tagħhom, li minnhom kienu tħallew aktar minn EUR 1,2 biljun mhux imħallas fil-likwidazzjoni. Bħala kumpanija maħluqa reċentement, minkejja li kienet tnaddfet mill-parti l-kbira tad-djun ta' Electrocentrale Paroşeni u Electrocentrale Deva u ta' National Hard Coal Company JSC Petroşani, CE Hunedoara ma kellhiex storja ta' kreditu affidabbli u solida, nuqqas li jwassal biex is-sellief tas-suq jżommu lura milli jiffinanzjaw operazzjonijiet f'dan il-każ. Fil-fatt, il-ħames każijiet ta' self li huma s-suġġett ta' dawn il-proċedimenti kollha ngħataw minn riżorsi li jappartjenu għall-baġit tal-Istat (ara 4.1.1 aktar 'il fuq). Min-naħa l-oħra, ma hemm l-ebda evidenza ta' kwalunkwe kreditur tas-suq privat li pprovda self lil CE Hunedoara għal xi miżura li tista' titqabbel. Minkejja l-istedina lir-Rumanija, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, biex tipprovdi evidenza ta' offerti ta' self lil CE Hunedoara magħmula minn isituzzjonijiet finanzjarji fis-suq jew banek bejn l-2012 u l-2016, fejn ikun speċifikat jekk intalbitx garanzija mill-Istat jew pubblika, ma ġiet ipprovduta l-ebda offerta jew evidenza ta' evalwazzjoni pożittiva minn sellief tas-suq.
- (96) Il-ħames nett, kif spjegat fil-premessa 20 hawn fuq, l-assi produttivi ta' CE Hunedoara kienu wkoll dawk operati mill-kumpaniji predeċessuri qabel, mingħajr ebda titjib produttiv jew teknoloġiku sinifikanti li jipprovdi lill-azzjonisti biex b'mod raġonevoli jistennaw aktar bejgħ jew aktar qligħ mill-bejgħ ta' elettriku u sħana fis-suq tal-elettriku Rumani. L-awtoritajiet Rumani, b'sjeda sħiħa ta' CE Hunedoara u l-predeċessuri, filwaqt li huma wkoll il-

⁽²⁸⁾ Deċiżjoni ta' ġhajjnuna għas-salvataġġ tal-21 ta' April 2015, il-premessi 30 u 31.

kreditur ewlieni, ma setgħux jinjoraw l-inkapaċità strutturali ta' CE Hunedoara biex tiġġenera biżżejjed profitti mill-operat biex tissodisfa d-djun tagħha. Huma pprovdew il-fondi minn finanzi pubbliċi, li CE Hunedoara ma kinitx tkun tista' tikseb mis-suq finanzjarju bi kwalunkwe rata.

- (97) Il-ħames fatti msemmija hawn fuq kollha jinfluwenzaw l-affidabbiltà kreditizja ta' CE Hunedoara u jagħmluha impossibbli li mingħajr l-intervent tal-Istat CE Hunedoara kienet issib selliefa li lesti jiffinanzjawha f'termini tas-suq, bil-fiduċja li CE Hunedoara tħallas lura s-self. Bl-istess mod, mhux probabbli li r-Rumanija setgħet tantiċipa dħul mill-ishma tagħha f'CE Hunedoara u, b'mod partikolari minn dħul li ntilef meta ngħata self lil CE Hunedoara taħt it-termini tas-suq.
- (98) Bħala konklużjoni, is-self inkwistjoni jidher li ffavorixxa lil CE Hunedoara. Fil-fatt, CE Hunedoara kienet kumpanija li tissellef bi storja ta' kreditu dgħajfa minħabba l-predeċessuri insolventi u likwidati, u ma kellha l-ebda storja ta' kreditu fl-2012-2013, meta twaqqfet il-kumpanija. CE Hunedoara kienet żiedet it-telf tal-operat, u b'hekk ma ppermettietx li jintlaħaq il-ħlas tad-dejn mill-2013-2014, u fil-fatt naqset milli tħallas id-djun u kkawżat lill-kumpanija biex potenzjalment tkun suġġetta għal proċedimenti ta' insolvenza mill-2015. Barra minn dan, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-awtoritajiet Rumani hađu passi fil-ħin li kreditur diliġenti kieku kien jieħu biex jirkupra l-ħlas tiegħu, bħal pereżempju li l-mutwatarju jintalab iħallas lura s-self jew tintalab l-eżekuzzjoni furzata tal-pagamenti għall-ħlasijiet li ma jkunux seħħu. Għalkemm f'Janar 2016 ġiet ippreżentata talba għal insolvenza kontra CE Hunedoara (ara l-premessa 22 hawn fuq) din għadha ma pproduċiet l-ebda rkupru effettiv sal-lum. Minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tal-kumpanija u l-probabbiltà baxxa ta' ħlas lura meta s-self ingħata jew ġie mtawwal, is-self inkwistjoni ta vantaġġ ekonomiku lil CE Hunedoara fil-forma ta' finanzi u fondi, li ma kinux ikunu jistgħu jinkisbu fis-suq.
- (99) Fir-rigward tal-kwalifika ta' dan il-vantaġġ ekonomiku, fil-premessa 34 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni għamlet referenza għas-Sentenza tal-Qorti Ġenerali f'Larko⁽²⁹⁾ li f'ċirkostanzi fejn il-mutwatarju jkun f'sitwazzjoni finanzjarja delikata karatterizzata partikolarment minn dħul li jonqos, ekwità negattiva, u nuqqas ta' kapaċità għall-ħlas lura ta' self minn fondi proprji, il-vantaġġ ekonomiku inkluż f'self jista' jkun ugwali għall-ammont totali ta' fondi mislufa, anke jekk l-Istat jggarantixxi biss is-self. L-awtoritajiet Rumani ma pprovdew l-ebda evidenza li CE Hunedoara kellha aċċess għal finanzjament mis-suq f'kundizzjonijiet tas-suq, li jindika li CE Hunedoara ppruvat, imma ma rnexsilhiex, tissellef mis-suq mingħajr għajjnuna mill-Istat.
- (100) Kif innutat fil-premessa 43, is-self mill-BRD u s-self mill-BCR trasferiti mill-Istat Rumani sabiex jiffinanzjaw il-konformità ambjentali fl-2013-2014 isegwu każijiet fejn ir-Rumanija kienet ipprovdiet għotjiet tal-istess tip ta' installazzjoni (desulfurizzazzjoni ta' gass mit-trombi ta' ċmien) għal impjanti oħra ta' enerġija termali fl-2010 (CE Turceni) u fl-2011 (CE Craiova II) u ddeċidiet li twaqqaf il-prattika li tipprovdit tali għotjiet bħala strumenti ta' għajjnuna. Madankollu, minħabba l-karatteristiċi, l-iskop u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' CE Hunedoara, jidher xieraq li wieħed iqis li s-self mill-BRD u s-self mill-BCR trasferiti mill-Istat u li jiffinanzjaw il-konformità ambjentali kienu għotjiet *de facto*, minkejja l-kwalifikazzjoni legali tagħhom ta' self.
- (101) Fl-istess ħin, ir-rikors għall-Istat Rumani li ttrasferixxa s-self li kien irċieva minn BDR u BCR juri li dawn il-banek privati ma xtaqux li jieħdu r-riskju ta' likwidità fuq CE Hunedoara minħabba peress li qiesu li n-nuqqas ta' ħlas lura fuq is-self kien virtwalment żgur.
- (102) Bħala tali, abbażi ta' dawn t'hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ħames każijiet ta' self mogħti lil CE Hunedoara pprovdew vantaġġ ekonomiku u tqis li dan il-vantaġġ huwa ugwali għall-ammont totali tal-kapital tas-self meta ngħata.

4.1.3. Selettività

- (103) L-Artikolu 107(1) TFUE jirrikjedi li miżura, sabiex tkun definita bħala għajjnuna mill-Istat, tiffavorixxi *ċerti impriżi jew ċerti produtturi*. Il-Kummissjoni tinnota li l-ħames każijiet ta' self kienu pprovduti fuq bażi *ad hoc* lil CE Hunedoara bħala appoġġ għall-operat kontiwu tagħha f'sitwazzjonijiet speċifiċi li jirrikjedu investiment għal konformità ambjentali, spejjeż ta' operat jew ħlas lura ta' għajjnuna inkompatibbli, u ma kienux parti minn miżura aktar wiesgħa ta' politika ekonomika ġenerali biex jingħata appoġġ lil impriżi, f'sitwazzjoni legali u ekonomika li tista' titqabbel, attivi fil-ġenerazzjoni tal-elettriku jew f'setturi ekonomiċi oħra. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li dan is-self huwa selettiv skont l-Artikolu 107(1) TFUE.

⁽²⁹⁾ Il-Kawża T-423/14, *Larko Geniki Metalleftiki kai Metallourgiki AE vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2018:57, il-paragrafu 193 u l-ġurisprudenza ċċitata.

4.1.4. Effett fuq il-kummerċ u distorsjoni tal-kompetizzjoni

- (104) Meta għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħa il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħra li qed jikkompetu f'kummerċ ġewwa l-Unjoni, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala affetwati minn din l-għajnuna ⁽³⁰⁾. Huwa biżżejjed li dak li jirċievi l-għajnuna jikkompeti ma' impriżi oħra fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni ⁽³¹⁾.
- (105) CE Hunedoara ttiprovdi l-elettriku u s-sħana fir-Rumanija. Skont ir-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar is-suq intern tal-elettriku ⁽³²⁾, il-fornituri tal-elettriku jistgħu jistabbilixxu l-operat tagħhom b'mod liberu u jifttxu klijenti fir-Rumanija. Effettivament, għadd ta' kompetituri mir-Rumanija (eż. SN Nuclearelectrica, SN Hidroelectrica) jew Stati Membri Oħra (eż. CEZ, Alpiq) għamlu attwalment dan. Il-Kummissjoni tinnotta li s-sistema tal-elettriku tar-Rumanija hija attwalment interkonnessa mas-sistemi tal-elettriku tal-Bulgarija u tal-Ungerija, sabiex flussi ta' elettriku jiġu prodotti f'dawn l-Istati Membri u nneozjati bejniethom.
- (106) Għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li huwa possibbli li s-self taħt skrutinju jaffetwa l-kummerċ tal-UE u li jikkawża distorsjoni jew jhedded li jikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

4.1.5. Konklużjoni dwar il-preżenza ta' għajnuna

- (107) Il-Kummissjoni tikkonkludi li abbażi tal-argumenti ppreżentati hawn fuq, is-self mill-IBRD garantit mill-Istat Rumun għal CE Hunedoara, is-self mill-BCR u mill-BRD ikkuntrattat għall-benefiċċju ta' CE Hunedoara, is-self mogħti biex titħallas lura għajnuna preċedenti inkompatibbli u s-self għal għajnuna ta' salvataġġ, inkluż il-prozjon imtawwal u mhux imħallas lura tiegħu, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE.

4.2. Il-legalità tal-għajnuna

- (108) Il-ftehim ta' self mill-IBRD iggarantit mill-Istat għall-benefiċċju ta' CE Hunedoara kien iffirmit fil-31 ta' Mejju 2002 ma' Electrocentrale Deva, wieħed mill-predeċessuri legali ta' CE Hunedoara, u għalhekk qabel id-dħul tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea fl-2007, u għaldaqstant is-self mill-IBRD ma kienx illegali, anke jekk ikun stabbilit li dak is-self involva għajnuna mill-Istat. Għalhekk, il-pagamenti mill-Istat bħala garnati, għalkemm seħħew wara l-adeżjoni, jirrapreżentaw għajnuna eżistenti u bħala tali mhumiex illegali, mingħajr preġudizzju għall-kwalifika taħt ir-regoli ta' għajnuna mill-Istat bħala falliment possibbli fil-futur tal-Istat li sussegwentement jeżerċita d-dritt ta' rikors tiegħu kontra CE Hunedoara.
- (109) Madankollu, is-self mill-BCR, is-self mill-BRD u s-self mogħti biex titħallas lura għajnuna inkompatibbli, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE u, minħabba li dawn tħallsu fi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, dawn jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat illegali.
- (110) Is-self għal għajnuna ta' salvataġġ li dwarha l-Kummissjoni ma qajmet l-ebda oġġezzjoni fid-deċiżjoni dwar għajnuna ta' salvataġġ tal-21 ta' April 2015 ma ddaħħalx fis-seħħ qabel id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u għalhekk ma kienx għajnuna mill-Istat illegali. Madankollu, it-titwil eċċessiv tiegħu u n-nuqqas ta' ħlas lura lil hinn mill-perjodu ta' sitt xhur li kien iggarantit għalih jagħmlu dan it-titwil illegali.

4.3. Kompatibbiltà tal-għajnuna u l-bażi legali għall-valutazzjoni

- (111) Il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk il-miżuri ta' għajnuna identifikati hawn fuq jistgħux ikunu kompatibbli mas-suq intern. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, huwa fidejn l-Istat Membru biex jinvoka r-raġunijiet possibbli ta' kompatibilità, u biex juri li l-kundizzjonijiet għal din il-kompatibilità jintlaħqu ⁽³³⁾. Ħlief inizjalment għas-self għal għajnuna ta' salvataġġ u t-titwil ta' dan wara sitt xhur mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2015, u s-self mill-IBRD li ma setax jiġi notifikat minħabba li dan ingħata qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni, ir-Rumanija ma nnotifikatx is-self mogħti għall-ħlas lura tal-għajnuna inkompatibbli, is-self mill-BCR u s-self mill-BRD u lanqas ma invokat il-bażi possibbli għall-kompatibbiltà fis-suq intern.
- (112) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, u kif innutat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni tqis li l-unika bażi ta' kompatibbiltà possibbli għall-miżuri li qed jiġu vvalutati huma l-Linji Gwida għall-għajnuna S&R. Il-Linji Gwida jipprovdu regoli u kundizzjonijiet għall-iskopijiet tal-valutazzjoni ta' kompatibbiltà ta' għajnuna ta' salvataġġ u ristrutturatur lil impriżi f'diffikultà skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

⁽³⁰⁾ B'mod partikolari ara l-Kawża 730/79, *Philip Morris vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1980:209, il-paragrafu 11; Il-kawża C-53/00 *Ferring*, ECLI:EU:C:2001:627, il-paragrafu 21; il-kawża C-372/97, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:2004:234, il-paragrafu 44.

⁽³¹⁾ Il-Kawża T-214/95 *Het Vlaamse Gewest vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:1998:77.

⁽³²⁾ Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE (ĠUL 211, 14.8.2009, p. 55).

⁽³³⁾ Ara l-Kawża C-364/90, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1993:157, il-paragrafu 20.

4.3.1. *Applikabbiltà tal-Linji Gwida S&R*

- (113) Skont il-punti 137 u 138 tal-Linji Gwida S&R, “Il-Kummissjoni ser teżamina l-kompatibilità mas-suq intern ta’ kwalunkwe għajjnuna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturar mogħtija mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha u għalhekk li tkun qed tikser l-Artikolu 108(3) tat-Trattat abbażi ta’ dawn il-linji gwida jekk f’it mill-għajjnuna jew l-għajjnuna kollha tingħata wara l-pubblikazzjoni tagħha f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea” u “fil-każijiet l-oħra kollha, ser twettaq l-eżami abbażi tal-linji gwida li kienu japplikaw fiż-żmien ta’ meta nġhatat l-għajjnuna”.
- (114) Is-self għal għajjnuna ta’ salvataġġ u s-self mogħti biex titħallas lura għajjnuna inkompatibbli nġhataw wara d-dħul fis-seħħ tal-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R fl-1 ta’ Awwissu 2014. Għalhekk, il-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R huma applikabbli għal dawn iż-żewġ każijiet ta’ self.
- (115) Barra minn dan, is-self mill-BCR u mill-BRD ma kienx notifikat lill-Kummissjoni, fi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE. Minn dan isegwi li anke jekk dan is-self kien ingħata qabel l-1 ta’ Awwissu 2014, minħabba li jrid ikun ivvalutat b’mod konġunt bħala parti minn operazzjoni waħda li tipprovdi għajjnuna lil kumpanija f’diffikultà, il-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R japplikaw ukoll għas-self mill-BCR u mill-BRD.

4.3.2. *Applikazzjoni tal-Linji Gwida S&R*

- (116) Huma biss impriżi f’diffikultà kif definit fil-punt 20 tal-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R u mhux attivi fis-setturi tal-faħam, tal-azzar u tal-finanzi kif definit fil-punt 16 ta’ dan li jstgħu jibbenefikaw minn għajjnuna għas-salvataġġ jew ristrutturar. Kif innutat fid-deċiżjoni ta’ għajjnuna għal salvataġġ, f’April 2015 CE Hunedoara kienet diġà ssodisfat il-kriterji biex titpoġġa fi proċedimenti ta’ insolvenza kollettiva kif stabbilit fil-punt 20(c) tal-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R u fil-fatt, f’Jannar 2016, il-kumpanija daħlet f’tali proċedimenti (ara l-premessa 22 hawn fuq). Għalhekk CE Hunedoara tista’ titqies bħala kumpanija f’diffikultà fis-sens tal-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R.
- (117) Il-Kummissjoni tinnotta l-ewwel li r-Rumanija ma pprovdi l-ebda evidenza dwar konformità possibbli mal-kundizzjonijiet ta’ kompatibilità għall-għajjnuna ta’ salvataġġ jew ristrutturar kif stabbilit fil-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R.
- (118) Fir-rigward tas-self mill-BCR, is-self mill-BRD, u s-self mogħti biex titħallas lura għajjnuna inkompatibbli, f’dan li għej il-Kummissjoni ser tivvalutahom b’mod konġunt minħabba li dawn ingħataw lil kumpanija f’diffikultà bħala investiment jew għajjnuna għall-operat li ppermetta lil CE Hunedoara biex tissodisfa l-ispejjeż tagħha fin-nuqqas ta’ aċċess għal swieq finanzjarji (ara l-premessa 99). Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet ta’ kompatibilità għall-għajjnuna ta’ ristrutturar stabbiliti fil-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R mhumiex issodisfati, minħabba li (i) il-pjan ta’ ristrutturar (ippreżentat f’Ottubru 2015 u emendat f’Jannar 2016) ma kienx validu sa mill-bidu minħabba li dan ma setax jiżgura l-viżjabbiltà fit-tul ta’ CE Hunedoara mingħajr aktar għajjnuna kontinwa u ma tkomplexx; (ii) ma hemm l-ebda kontribuzzjoni proprja evidenti ta’ CE Hunedoara skont il-punti minn 62 sa 64 tal-Linji Gwida għall-għajjnuna S & R; u (iii) ma għiet identifikata l-ebda miżura li tillimita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni skont il-punti minn 74 sa 86 tal-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R.
- (119) Fir-rigward tal-punti minn 99 sa 103 tal-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R, għalkemm dawn jipprevedu kundizzjonijiet speċifiċi għal għajjnuna lil fornituri SGEI f’diffikultà, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li s-self li qed jiġi vvalutat ma jistax jitqies jew jiġi kkunsidrat bħala kumpens għall-provvista ta’ tali servizzi kif hemm riferenza fil-punt 100 tal-Linji Gwida għall-għajjnuna S&R. L-ewwel nett, mhux iddikjarat jew stabbilit li CE Hunedoara kienet qed topera fuq il-bażi ta’ atti ta’ fiduċja validi li jidentifikaw kwalunkwe differenza unika li tista’ tkun ġustifikata mal-produzzjoni tal-elettriku minn ġeneraturi oħra tal-elettriku attivi fir-Rumanija; skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁴⁾, il-preżenza ta’ att ta’ fiduċja validu hija kundizzjoni essenzjali sabiex l-għajjnuna mill-Istat titqies bħala kumpens validu għal Servizz ta’ Interess Ekonomiku Ġenerali. It-tieni nett, is-self inkwistjoni kien self *ad hoc* għal skopijiet speċifiċi u ma nġhatax fir-

(34) Il-Kawża C-280/00 *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg vs Nahverkehrsgesellschaft Altmark* [2003] Ġabra I-7747.

rigward ta' spejjeż żejda identifikabbli u ġustifikati għal provvista ta' servizz. It-tielet, l-ammonti tas-self ma għewx stabbiliti, individwalment jew b'mod kumulattiv, fuq il-bażi ta' parametri oġġettivi stabbiliti minn qabel u kkalibrati speċifikament għall-ispejjeż determinati tal-SGEI filwaqt li jitqiesu d-dħul u l-ispejjeż kollha ta' CE Hunedoara. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax, taħt il-punti 100 u 101 tal-Linji Gwida għall-għajnuna S&R, tikkunsidra li s-self inkwistjoni jista' jitqies bħala kumpens validu taħt id-Deċiżjoni SGEI ⁽³⁵⁾ jew il-Qafas SGEI ⁽³⁶⁾.

- (120) Ir-Rumanija naqset ukoll milli tissodisfa l-impenn tagħha li legalment tissepura l-minjieri tal-faħam mill-ġenerazzjoni tal-enerġija f'CE Hunedoara, li kien impenn li din għamlet fiż-żmien meta kienet approvata l-għajnuna għal salvataġġ u li, skont is-sottomissjonijiet tagħha, jista' jieħu bejn sitt u disa' xhur. Żewġ minjieri tal-faħam qed jirċievu għajnuna tal-operat għal għeluq skont id-Deċiżjoni dwar it-tieni għajnuna għall-minjieri tal-faħam (il-premessa (12) hawn fuq). Ir-Rumanija argumentat fil-kummenti tagħha għad-deċiżjoni tal-ftuħ li jinżammu kontijiet separati għall-attivitajiet tal-minjieri u tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, madankollu fihom infushom il-kontijiet separati ma jipprevenux il-kontrofinanzjar tal-attività tal-minjieri. Ir-Rumanija ma wrietx li ma sar l-ebda kontrofinanzjar billi, pereżempju, pprovdiet evidenza li l-użu tal-għajnuna mill-Istat kien ta' benefiċċju biss għall-attività tal-ġenerazzjoni tal-elettriku. Minħabba n-nuqqas ta' din l-evidenza neċessarja, ma jstax ikun eskluż li xi parti mis-self kopert minn din id-deċiżjoni ma bbenefikax direttament jew indirettament il-minjieri tal-faħam ta' CE Hunedoara, fi ksur tal-punt 16 tal-Linji Gwida għall-għajnuna S&R li jeskludu s-settur tal-faħam mill-għajnuna S&R.
- (121) Fl-aħħarnett, tajjeb li jiġi nnutat li r-rikavat mis-self mogħti biex titħallas lura l-għajnuna inkompatibbli għadu disponibbli għal CE Hunedoara. Fid-dawl tal-prinċipju Deggendorf ⁽³⁷⁾, il-kumulu ta' self mhux imħallas lura mogħti biex titħallas lura għajnuna inkompatibbli preċedenti mat-tliet każijiet ta' self l-oħra, ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li l-għajnuna għar-ristrutturar possibbli lil CE Hunedoara hija kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-punt 94 tal-Linji Gwida għall-għajnuna S&R. Madankollu, filwaqt li tibbenefika minn għajnuna mill-Istat fil-forma tas-self inkwistjoni sal-punt li dan għadu ma tħallasx lura, CE Hunedoara tkompli topera għad-detriment tal-kompetituri tagħha.
- (122) Bħala konklużjoni, abbażi ta' dan kollu, il-Kummissjoni tqis li s-self mill-BCR u mill-BRD ikkuntrattat għall-benefiċċju ta' CE Hunedoara, iwwalutat b'mod konġunt mat-titwil eċċessiv tas-self għall-għajnuna ta' salvataġġ li nbidel f'self għar-ristrutturar u s-self mogħti biex titħallas lura għajnuna inkompatibbli, huma inkompatibbli mas-suq intern.
- (123) Fir-rigward tas-self għall-għajnuna ta' salvataġġ, skont il-punt 55(d) tal-Linji Gwida għall-għajnuna S&R, ir-Rumanija impenjat ruħha li tissottometti, fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-għajnuna għal salvataġġ jew il-ħlas lura tal-ewwel pagament (il-premessa 54 tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna ta' salvataġġ), jew prova li s-self tħallas lura, jew pjan ta' ristrutturar validu, jew pjan ta' likwidazzjoni sostanzjat li jstabbilixxi l-passi li jwasslu għal-likwidazzjoni ta' CE Hunedoara fi skeda ta' żmien raġonevoli, mingħajr aktar għajnuna. Ir-Rumanija ma ssodisfatx dan l-impenn, minħabba li (i) is-self ta' salvataġġ ma tħallasx bis-sħiħ, u (ii) ir-Rumanija kienet infurmata li l-pjan ta' ristrutturar (ippreżentat mir-Rumanija f'Ottubru 2015 u emendat f'Jannar 2016) ma kienx jiżgura li CE Hunedoara setgħet tilħaq vijabbiltà fit-tul mingħajr aktar għajnuna kontinwa.
- (124) Barra minn dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni tinnotta li l-iskeda ta' żmien għal-likwidazzjoni ta' CE Hunedoara b'tul massimu ta' tliet snin, kif ippreżentata mir-Rumanija f'Mejju 2017 (jiġifieri sena u nofs wara l-iskadenza ta' Ottubru 2015, jiġifieri sitt xhur wara l-għoti ta' għajnuna ta' salvataġġ approvata mid-deċiżjoni għal għajnuna ta' salvataġġ), tidher kemmxejn twila.
- (125) Minn dan kollu l-Kummissjoni tikkonkludi li t-titwil tas-self għal għajnuna ta' salvataġġ huwa inkompatibbli mas-suq intern.

⁽³⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil ċerti impriżi f'dati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

⁽³⁶⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku (2011) (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15).

⁽³⁷⁾ Il-Kawżi T-244/93 u T-486/93 *TWD Deggendorf vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:1995:160, il-paragrafu 56.

5. IRKUPRU

- (126) Skont it-TFUE u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, il-Kummissjoni għandha l-kompetenza li tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat għandux ineħħi jew ibiddel l-għajnuna meta jkun instab li din hija inkompatibbli mas-suq intern ⁽³⁸⁾. Il-Qorti wkoll konsistentement sostniet li l-obbligu fuq Stat Membru li jneħħi għajnuna meqjusa mill-Kummissjoni bħala inkompatibbli mas-suq intern huwa maħsub biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti preċedentement ⁽³⁹⁾.
- (127) F'dan il-kuntest, il-Qorti stabbiliet li dan l-oġettiv jinkiseb ladarba min ikun irċieva l-għajnuna jkun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala għajnuna illegali, biex b'hekk jintilef il-vantaġġ li kien kiseb fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u b'hekk terġa' tinkiseb is-sitwazzjoni qabel il-ħlas tal-għajnuna ⁽⁴⁰⁾.
- (128) F'dan ir-rigward, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ⁽⁴¹⁾ jgħid li "Fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna kontra l-liġi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju [...]".
- (129) Għaldaqstant, (i) is-self mill-BCR, (ii) is-self mill-BRD, (iii) is-self biex titħallas lura l-għajnuna inkompatibbli, u (iv) is-self għall-għajnuna ta' salvataġġ - li sar illegali mill-mument li l-għajnuna ta' salvataġġ ma thallsix lura fi żmien sitt xhur wara li nġhatat u/jew ħarġu l-flus - kienu implimentati fi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, u għandhom jitqiesu bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, u għandhom jiġu rkuprati biex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel ma nġhatat. L-irkupru għandu jkopri ż-żmien minn meta l-vantaġġ inġhata lill-benefiċjarju, jiġifieri minn meta l-għajnuna fil-forma ta' ammont kapitali ta' self tpoġġiet b'mod illegali għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sal-irkupru effettiv, u s-somom li għandhom ikunu rkuprati għandhom jiġu miżjuda bl-imġax sakemm iseħħ l-irkupru effettiv. L-imġax tal-irkupru huwa distint mill-imġax kuntrattwali, l-interess għal pagamenti tard, jew somom oħra relatati mas-self inkwistjoni dovuti minn CE Hunedoara lill-Istat.
- (130) Skont il-ġurisprudenza stabbilita, l-insolvenza tal-benefiċjarju u l-inkapaċità tiegħu li jħallas lura l-għajnuna mhumiex raġuni valida biex dan jiġi eżentat mill-obbligu tiegħu li jħallas lura l-għajnuna ⁽⁴²⁾. F'dan il-każ, ir-restawr għas-sitwazzjoni preċedenti għall-ħlas tal-għajnuna u t-tneħħija tad-distorsjoni għall-kompetizzjoni fil-prinċipju jistgħu jinkisbu billi jiġu rreġistrati d-djun relatati mal-pagament lura tal-għajnuna fl-iskeda ta' djun bħala parti mill-proċedura ta' likwidazzjoni srorveljata mill-Qorti. Fejn Stat Membru ma jkunx kapaċi jirkupra l-ammont kollu tal-għajnuna, ir-reġistrazzjoni tar-responsabbiltà tista' tissodisfa l-obbligu tal-irkupru biss jekk il-proċeduri ta' insolvenza jirriżultaw fl-istralċ tal-impriża li kienet irċeviet l-għajnuna illegali, jiġifieri l-waqfien definittiv tal-attivitatiet tagħha ⁽⁴³⁾. Il-likwidazzjoni ta' CE Hunedoara fil-każ li ma tkunx irkuprata l-għajnuna ta' salvataġġ fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tagħha jew l-għoti hija meqjusa wkoll fil-Linji Gwida għal għajnuna S&R, fid-deċiżjoni ta' għajnuna għal salvataġġ (il-premessi 20, 21 u 52, il-punt d).
- (131) Il-Kummissjoni tinnotta d-diskussjonijiet riċenti mar-Rumanija fejn ġie stabbilit li l-istralċ ta' CE Hunedoara jista' jwassal biex l-assi tagħha jiġu likwidati u mibjugħa sabiex tissodisfa d-djun, inkluż dawk li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-irkupru impost fuq ir-Rumanija b'riżultat ta' din id-Deċiżjoni. Fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet Rumani kkonfermaw l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet legali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jiżguraw il-kontinwità tal-operat u semmew dan fir-rigward tal-Liġi Nru 123 tal-10 ta' Lulju 2012 dwar l-enerġija elettrika u l-gass naturali, l-aktar il-Kapitolu għas-sigurtà u s-sikurezza.
- (132) Fil-kuntest ta' likwidazzjoni u inkonsiderazzjoni tal-obbligu legali tagħha li tiżgura l-kontinwità tal-provvista, ir-Rumanija tista' tippjana li tadotta miżuri bl-għan li tevita xkiel fil-provvista tal-elettriku għar-reġjun li għalih CE Hunedoara topera u tipprovdi servizzi. Madankollu, dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati, raġjonevoli, u limitati fiż-żmien u l-iskop fir-rigward ta' dak li huwa indispensabbli għaż-żamma tal-valur tal-assi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Fl-eżekuzzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni trid tiġi infurmata minn qabel u tkun f'pożizzjoni li tista' tivverifika li dawn il-kundizzjonijiet jittlahqu. Konsegwentement, din id-deċiżjoni hija ġeneralment mingħajr preġudizzju għal dawn il-miżur xierqa u għall-proċedura li ttrirrigwarda t-trasferiment tal-assi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija.

⁽³⁸⁾ Ara l-Kawża C-70/72 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*, ECLI:EU:C:1973:87, il-paragrafu 13.

⁽³⁹⁾ Ara l-Kawżi Konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1994:325, il-paragrafu 75.

⁽⁴⁰⁾ Ara l-Kawża C-75/97 *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:1999:311, il-paragrafi 64 u 65.

⁽⁴¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

⁽⁴²⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-277/00, ECLI:EU:C:2004:238, il-paragrafu 85; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Jannar 1986, *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju*, C-52/84, ECLI:EU:C:1986:3, il-paragrafu 14; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 1990, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, C-142/87, ECLI:EU:C:1990:125, il-paragrafi minn 60 sa 62.

⁽⁴³⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Diċembru 2012, *Il-Kummissjoni vs Spanja*, C-610/10, ECLI:EU:C:2012:781, il-paragrafu 104.

- (133) Barra minn dan, kif imsemmi matul konferenza bil-vidjo li saret fil-31 ta' Lulju 2018 (ara l-premessa 3 hawn fuq), ir-Rumanija esprimiet l-intenzjoni tagħha li tiegħu miżura xierqa biex tipproċedi bil-proċess fir-rigward tat-trasferiment tal-assi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija minn CE Hunedoara għall-Kumpanija Ġdida (NewCo) li għad trid titwaqqaf. Hu ppjanat li din tiegħu l-forma ta' Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern f'forma ta' *trasferiment* fi tliet stadji *minflok ħlas* (bir-Rumen "*dare în plată*") li jseħħ fir-rigward tal-assi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija biss, jiġifieri mingħajr il-minjieri. Skont il-minuti approvati mar-Rumanija, dan il-proċess jenħtieġ li jinvolvi:
- (i) L-ewwel, it-tnejn ta' rapport ta' valutazzjoni obbligatorju biex ikun determinat il-valur tal-assi ta' ġenerazzjoni tal-enerġija (bħalissa garantiti mill-Ministeru għall-Finanzi) u l-ammont tad-dejn dovut minn CE Hunedoara;
 - (ii) It-tieni, dawn l-assi garrnatiti jiġu ttrasferiti lill-Ministeru għall-Finanzi u wara lill-Ministeru għall-Enerġija;
 - (iii) It-tielet, dawn l-assi jiġu ttrasferiti lill-kumpanija l-ġdida, u din tal-aħħar imbagħad tkun fdata bil-provvista ta' Servizz ta' Interess Ekonomiku Ġenerali.
- (134) Din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal tali trasferiment tal-assi permezz ta' Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern ipplanata, sakemm dan it-trasferiment previst jitwettaq mill-awtoritajiet Rumani skont ir-rekwiżiti legali, inkluż, b'mod partikolari, valutazzjoni tajba ta' dawn l-assi.

6. KONKLUŻJONI

- (135) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li r-Rumanija tat lil CE Hunedoara għajnuna mill-Istat illegali li hija inkompatibbli mas-suq intern u li għandha tkun irkuprata.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-self tal-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (is-self mill-IBRD) iggarantit mill-Istat Rumani u li għalih CE Hunedoara saret il-benefiċjarju suċċessur ma ngħatax b'mod illegali lil CE Hunedoara, fi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Is-self li ġej favur CE Hunedoara u fl-ammonti stabbiliti fil-punti minn (a) sa (d), jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li ngħatat illegalment (jew mhux imħallsa lura fir-rigward tal-punt (d)) mir-Rumanija, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u huwa inkompatibbli mas-suq intern:

- (a) Is-self mill-Bank Kummerċjali Rumani ikkuntrattat mill-Ministeru għall-Finanzi u wara mogħti lil CE Hunedoara permezz ta' ftehim għal self sussidjarju (is-self mill-BCR) - RON 83 485 450.
- (b) Is-self mill-Bank għall-Iżvilupp Rumani ikkuntrattat mill-Ministeru għall-Finanzi u wara mogħti lil CE Hunedoara permezz ta' ftehim għal self sussidjarju (is-self mill-BRD) - RON 68 371 170.
- (c) Self ipprovdut għall-ħlas ta' għajnuna inkompatibbli mitluba li għandha tkun irkuprata bid-Deċiżjoni dwar l-għajnuna inkompatibbli (is-self biex titħallas lura għajnuna inkompatibbli) - RON 34 785 015.
- (d) Self li jirrapreżenta għajnuna mogħtija skont id-deċiżjoni dwar għajnuna ta' salvataġġ u l-imgħax (is-self għal għajnuna ta' salvataġġ) - kif żborżat effettivament għall-ammont ta' RON 98 476 900 u mhux rimborżat wara sitt xhur li ngħata.

Artikolu 3

1. Ir-Rumanija ser tirkupra l-għajnuna inkompatibbli li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 2 mill-benefiċjarju.
2. Is-somon effettivi li għandhom ikunu rkuprati għandhom ikunu ugwali għall-ammonti fil-fatt mogħtija lill-benefiċjarju u mhux imħallsa lura minn dan tal-aħħar lill-Istat Rumani, dawn is-somon għandhom ikunu miżjuda bl-imgħax mid-data minn meta dawn tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sakemm attwalment jiġu rkuprati.

3. L-imgħax se jkun ikkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ⁽⁴⁴⁾.
4. Ir-Rumanija għandha tikkancelła l-pagamenti kollha dovuti tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

Artikolu 4

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 għandu jkun immedjat u effettiv, mingħajr preġudizzju għal miżuri xierqa li tista' tadotta r-Rumanija bil-ħsieb li tħares l-operat kontinwu tal-assi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li huma meħtieġa għall-provvista ta' elettriku u sħana, sakemm dawn il-miżuri huma proporzjonati, raġonevoli, u limitati fiż-żmien u fl-iskop għal dak li huwa indispensabbli biex jinżamm il-valur tal-assi.
2. Ir-Rumanija għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni hija implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni.

Artikolu 5

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, ir-Rumanija għandha tippreżenta l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:
 - (a) l-ammont toali (kapital u imgħax tal-irkupru) li għandhom ikunu rkuprati mill-benefiċjarju;
 - (b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li jkunu ttieħdu u ppjanati għall-konformità ma' din id-Deċiżjoni;
 - (c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u ppjanati biex jitħares l-operat kontinwu tal-assi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku;
 - (d) dokumenti li juru li l-benefiċjarju jkun ġie ordnat biex iħallas lura l-għajnuna.
2. Ir-Rumanija għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali mittieħda biex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm ikun tlesta l-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2. Din għandha tissottotometti immedjatament, fuq talba sempliċi mill-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu u ppjanati għall-konformità ma' din id-Deċiżjoni. Din għandha ttipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti tal-għajnuna u l-imgħax tal-irkupru diġà rkuprati mill-benefiċjarju.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2018.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni

⁽⁴⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabblixi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/294**tat-18 ta' Frar 2019****li tistabbilixxi l-lista tat-territorji u tal-pajjiżi terzi awtorizzati biex l-Unjoni timporta minnhom klieb, qtates u inmsa, u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal dawn l-importazzjonijiet***(notifikata bid-dokument C(2019) 1059)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(l) tad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi ta' introduzzjoni u l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(2), il-punt (a) tal-Artikolu 17(3) u l-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 92/65/KEE tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċerti annimali. Din tipprevedi li l-kundizzjonijiet dwar l-importazzjoni tal-klieb, tal-qtates u tal-inmsa jridu jkunu għall-inqas ekwivalenti għall-kundizzjonijiet rilevanti previsti fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jipprevedi li meta l-għadd ta' klieb, qtates jew inmsa li jiġu spustati għal skopijiet mhux kummerċjali f'moviment wieħed ikun iżjed minn ħamsa, dawk l-annimali domestiċi għandhom jikkonformaw mal-ħtiġijiet dwar is-saħħa tal-annimali stipulati fid-Direttiva 92/65/KEE għall-ispeċijiet ikkonċernati, minbarra ċerti kategoriji ta' annimali li għalihom hemm deroga prevista fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 skont ċerti kundizzjonijiet.
- (3) Id-Direttiva 92/65/KEE tipprevedi li l-klieb, il-qtates u l-inmsa għandhom jiġu impurtati fl-Unjoni minn dawk il-pajjiżi terzi biss li huma elenkati fl-lista stabbilita skont il-proċedura msemmija f'dik id-Direttiva. Barra minn hekk, dawn l-annimali jrid ikollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa li jkun jaqbel ma' mudell imfassal skont il-proċedura msemmija hemmhekk.
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/519/UE ⁽³⁾ jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa komuni għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates u inmsa, u jipprevedi li t-territorji jew il-pajjiżi terzi, u kull-territorju jew pajjiż terz li jgħaddu minnhom jenħtieġ li jkunu elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE ⁽⁴⁾, fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ⁽⁵⁾, jew fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 ⁽⁶⁾.
- (5) Billi d-Deċiżjoni 2004/211/KE tħassret u ġiet issostitwita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 ⁽⁷⁾ fl-1 ta' Ottubru 2018, jenħtieġ li wieħed jirreferi għal-lista ta' pajjiżi terzi u partijiet mit-territorju ta' pajjiżi terzi li minnhom jidħlu fl-Unjoni konsenji ta' ekwidi u tas-semen, l-ova u l-embrijuni

⁽¹⁾ ĠUL 268, 14.9.1992, p. 54.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 (ĠUL 178, 28.6.2013, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/519/UE tal-21 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi l-lista ta' territorji u pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjoni ta' klieb, qtates u inmsa u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal tali importazzjonijiet (ĠU L 281, 23.10.2013, p. 20).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *equidae* ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 93/195/KEE u 94/63/KE (ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikolari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r-rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 109).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 tat-12 ta' April 2018 dwar il-kundizzjonijiet biex jidħlu fl-Unjoni ekwidi ħajjin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom (ĠU L 110, 30.4.2018, p. 1).

tagħhom stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament. Madankollu jkun tajjeb li jiġi ċċarat li l-importazzjoni ta' klieb, qtates u inmsa mill-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness jenħtieġ li jiġu awtorizzati biss jekk il-pajjiżi terzi ikkonċernat ikun elenkat mingħajr il-limitu taż-żmien indikat fil-kolonna 16 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659.

- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tipprevedi li l-importazzjonijiet ta' klieb, qtates jew inmsa fl-Unjoni jkunu awtorizzati biss mit-territorji u mill-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013, jew li huma elenkati mingħajr limitu taż-żmien fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659.
- (7) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jipprevedi li l-klieb, il-qtates u l-inmsa ma għandhomx jiġu spustati minn territorju jew minn pajjiż, barra dawk elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013, għal għol-Unjoni sakemm ma jkunux għaddew minn test ta' titrazzjoni għall-antikorpi tar-rabja li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' validità stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.
- (8) Fost dawk ir-rekwiżiti hemm l-obbligu li dak it-test isir fl-laboratorju approvat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE⁽⁸⁾ li tipprevedi li l-Agence française de sécurité sanitaire des aliments (AFSSA) f'Nancy, fi Franza (li mill-1 ta' Lulju 2010 ġiet integrata fl-Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail, ANSES) trid tevalwa l-laboratorji tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi biex dawn jiġu awtorizzati li jwettqu t-testijiet seroloġiċi li jikkontrollaw l-effettività tat-tilqim kontra r-rabja fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa.
- (9) Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa komuni għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates u inmsa stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/519/UE japplika wkoll għall-importazzjoni ta' klieb, qtates u inmsa għall-korpi, istituti u ċentri approvati skont id-Direttiva 92/65/KEE. Billi jista' jkun il-każ li ma jkunx ingħata tilqim kontra r-rabja lil dawn l-annimali, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tipprevedi li l-importazzjoni fl-Unjoni ta' klieb, qtates jew inmsa ddestinati għall-korpi, l-istituti u ċ-ċentri approvati skont id-Direttiva 92/65/KEE jkunu awtorizzati biss mit-territorji u mill-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.
- (10) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE⁽⁹⁾ tistipula r-regoli li jridu jiġu osservati biex jinħarġu ċ-ċertifikati meħtieġa mil-leġiżlazzjoni veterinarja biex ma ssirx ċertifikazzjoni li tqarraq jew frawdulenti. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-veterinarji uffiċjali tal-pajjiżi terzi japplikaw regoli u prinċipji li għall-inqas ikunu ekwivalenti ma' dawk stipulati f'dik id-Direttiva meta joħorġu ċ-ċertifikati tas-saħħa.
- (11) Barra minn hekk, wara r-rieżami obbligatorju tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011⁽¹⁰⁾, ir-Regolament Delegat adottat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772⁽¹¹⁾ li fost affarijiet oħra jistipula r-regoli għall-kategorizzazzjoni tal-Istati Membri jew ta' partijiet minnhom, rigward l-eliġibbiltà tagħhom biex japplikaw miżuri preventivi tas-saħħa għall-kontroll tal-infezzjoni tal-klieb bl-*Echinococcus multilocularis*. Dak ir-Regolament ħassar ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1152/2011 b'effett mill-1 ta' Lulju 2018.

Il-lista tal-Istati Membri li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2018/772 fit-territorju kollu tagħhom jew f'partijiet minnu hija stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878⁽¹²⁾. Għaldaqstant jixraq li r-referenzi għar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1152/2011 jiġu sostitwiti minn referenzi għar-Regolament Delegat (UE) 2018/772 u għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878 fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa.

- (12) Għalhekk jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-lista l-għdida tat-territorji u tal-pajjiżi terzi li hija awtorizzata l-importazzjoni ta' klieb, qtates jew inmsa minnhom, u l-mudell ta' ċertifikat tas-saħħa komuni għall-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/519/UE titassar.

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandarizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija (ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40).

⁽⁹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali (ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 tal-14 ta' Lulju 2011 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb (ĠU L 296, 15.11.2011, p. 6).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 tal-21 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1152/2011 (ĠU L 130, 28.5.2018, p. 1).

⁽¹²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 tat-18 ta' Ġunju 2018 li jadotta l-lista tal-Istati Membri, jew partijiet tat-territorju tal-Istati Membri, li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/772 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb (ĠU L 155, 19.6.2018, p. 1).

- (13) Sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-importazzjoni fl-Unjoni ta' konsenji ta' klieb, qtates jew inmsa, jeħtieġ li jiġi previst perjodu tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2019 biex, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, jibqgħu jintużaw il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa maħruġin skont ir-regoli tal-Unjoni li kienu japplikaw qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista tat-territorji jew il-pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat li jiġu importati l-klieb, il-qtates u l-inmsa skont id-Direttiva 92/65/KEE

1. Il-konsenji ta' klieb, qtates jew inmsa li huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/65/KEE għandhom jiġu importati biss jekk it-territorji jew il-pajjiżi terzi li jkunu ġejjin minnhom u kull territorju jew pajjiż terz li jgħaddu minnu fil-vjaġġ ikunu mniżżlin f'waħda mil-listi stabbiliti:

- (a) fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010;
- (b) fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013;
- (c) fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659, minbarra daww il-pajjiżi li għandhom limitu taż-żmien indikat fil-kolonna 16 tat-tabella f'dak l-Anness.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-konsenji ta' klieb, qtates jew inmsa ddestinati għall-korpi, l-istituti u ċ-ċentri approvati skont id-Direttiva 92/65/KEE għandhom jiġu importati fl-Unjoni biss jekk it-territorji jew il-pajjiżi terzi li jkunu ġejjin minnhom u kull territorju jew pajjiż terz li jgħaddu minnu fil-vjaġġ ikunu mniżżlin fil-lista msemmija fil-paragrafu 1(b).

Artikolu 2

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjonijiet minn territorji jew minn pajjiżi terzi

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw biss l-importazzjonijiet ta' klieb, qtates jew inmsa li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mfassal skont il-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness u li jkun imtela u ġie ffirmat minn veterinarju uffiċjali b'konformità man-noti ta' spjegazzjoni stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness;
- (b) jikkonformaw mar-rekwiżiti taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fil-punt (a) rigward it-territorji jew il-pajjiżi terzi li jkunu ġejjin minnhom u kull territorju jew pajjiż terz li jgħaddu minnu, kif imsemmi fil-paragrafi 1(a), (b) u (c) tal-Artikolu 1.

Artikolu 3

Tħassir

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/519/UE titħassar.

Ir-referenzi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/519/UE għandhom jinqraw bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Għal perjodu tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2019, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates u inmsa li jkollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma mal-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/519/UE li ma jkunx inħareġ aktar tard mit-30 ta' Novembru 2019.

Artikolu 5

Applikabbiltà

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2019.

Artikolu 6

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

IL-PARTI 1

Mudell ta' ċertifikat tas-saħħa tal-animali għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' klieb, ta' qtates u ta' inmsa

PAJJIŻ:

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta	I.1. Speditur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-telefown		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a.			
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali					
			I.4. Awtorità kompetenti lokali					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-telefown		I.6.					
	I.7. Pajjiż tal-oriġini		Kodiċi ISO	I.8.		I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni		
				Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni		Kodiċi	
	I.11. Post ta' oriġini Isem Indirizz Isem Indirizz Isem Indirizz		Numru tal-approvazzjoni Numru tal-approvazzjoni Numru tal-approvazzjoni		I.12. Post tad-destinazzjoni Isem Indirizz Numru tal-approvazzjoni			
	I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq					
	I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan <input type="checkbox"/> Bastiment <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Mezz ieħor <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE				I.17.	
	I.18. Deskrizzjoni tal-komodità		I.19. Kodiċi tal-komodità (Kodiċi tas-SA) 010619				I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti				I.24.		
I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur								

I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal:			
Oħrajn <input type="checkbox"/>	Annimali domestiċi <input type="checkbox"/>		Korpi approvati <input type="checkbox"/>
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE <input type="checkbox"/>		
I.28. Identifikazzjoni tal-komoditajiet			
Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Data tat-twelid [jj/xx/ssss]

PAJJIŻ

Importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, ta' qtates, u ta' inmsa

II. Informazzjoni dwar is-saħħa		II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.				
Parti II: Ċertifikazzjoni	Jiena, il-veterinarju uffiċjali ta' hawn taħt iffirmat (<i>daħħal isem il-pajjiż terz</i>) niċċertifika li l-animali deskritti fil-Kaxxa I.28:						
	II.1.	ġejjin minn stabbilimenti jew negozji deskritti fil-Kaxxa I.11 li huma rreġistrati mill-awtorità kompetenti u mhuma suġġetti għal ebda projbizzjoni minħabba raġunijiet ta' saħħa tal-animali, fejn l-animali jiġu eżaminati regolarment u li jikkonformaw mar-rekwiżiti li jassiguraw it-treatment xieraq tal-animali li jinżammu hemm;					
	II.2.	ma wrew ebda sinjal ta' mard u kienu b'saħħithom biżżejjed biex jinġarru għall-vjaġġ maḥsub meta ġew eżaminati minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti fl-aħħar 48 siegħa qabel il-ħin tat-tluq;					
	(¹) jew	II.3.	huma ddestinati għal korp, istitut jew ċentru deskritt fil-Kaxxa I.12 u approvati skont l-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE, u ġejjin minn territorju jew pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.]				
	(¹) jew	II.3.	kellhom tal-inqas 12-il ġimgħa dakinhar li tlaqqmu kontra r-rabja u għaddew mill-inqas 21 jum wara li tlestiet it-tilqima primarja kontra r-rabja (²) li twettqet skont ir-rekwiżiti ta' validità stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u kull tilqim mill-ġdid sussegwenti twettaq fi żmien il-perjodu ta' validità tat-tilqima ta' qabel (³), u				
	(¹) jew	[ġew, jew fil-każ tat-tranżitu, huwa ppjanat li se jgħaddu, minn territorju jew minn pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 u d-dettalji tat-tilqima attwali kontra r-rabja jinsabu fil-kolonna 1 sa 7 tat-tabella t'hawn taħt;]					
(¹) jew	[ġew, jew huwa ppjanat li se jgħaddu, minn territorju jew pajjiż terz elenkat fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010, jew elenkat mingħajr limitu taż-żmien fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659, u						
	— id-dettalji tat-tilqima attwali kontra r-rabja jinsabu fil-kolonna 1 sa 7 fit-tabella t'hawn taħt, u						
	— mhux iżjed minn 30 jum wara t-tilqima preċedenti (⁴), u mill-inqas tliet xhur qabel id-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, sar test ta' titrazzjoni għall-antikorpi tar-rabja fuq kampjun tad-demm li tteħed mill-veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti li wera titru ta' antikorpi ta' 0,5 IU/ml (⁵) jew iżjed, u kull tilqima sussegwenti saret fil-perjodu ta' validità tat-tilqima preċedenti, u d-data tat-teħid tal-kampjun għall-ittestjar tar-reazzjoni tal-immunizzazzjoni tinsab fil-kolonna 8 tat-tabella t'hawn taħt:]						
Transponder jew tatwaġġ							
Kodiċi alfanumeriku tal-animall	Data tal-implantazzjoni u/jew tal-qari (⁶) [jj/xx/ssss]	Data tat-tilqim [jj/xx/ssss]	L-isem u l-manifattur tat-tilqima	Nru tal-lott	Il-validità tat-tilqima		Id-data tat-teħid tal-kampjun tad-demm [jj/xx/ssss]
					Minn [jj/xx/ssss]	sa [jj/xx/ssss]	
1	2	3	4	5	6	7	8
(¹) jew	II.4.	il-konsenja hija ta' klieb iddestinati għal Stat Membru elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 u l-klieb ġew ittrattati kontra l- <i>Echinococcus multilocularis</i> u d-dettalji tat-treatment li ngħata mill-veterinarju amministranti b'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 (⁷) (⁸) jinsabu fit-tabella ta' hawn taħt:					

PAJJIŻ

Importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, ta' qtates, u ta' inmsa

II. Informazzjoni dwar is-saħħa		II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat		II.b.
Kodiċi alfanumeriku tat-transponder jew tat-tatwaġġ tal-kelb	Trattament kontra l-echinococcus		Il-veterinarju amministranti	
	L-isem u l-manifattur tal-prodott	Id-data [jj/xx/ssss] u l-ħin tat-trattament [00:00]	Isem b'ittri kapitali, timbru u firma	

(¹) *inkella* [II.4. il-klieb f'din il-konsenja ma ngħatawax trattament kontra l-*Echinococcus multilocularis*.]

Noti

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ mill-veterinarju uffiċjali. Fil-każ tat-trasport bil-baħar, il-perjodu ta' 10 ijiem huwa estiż b'perjodu addizzjonali li jikkorrispondi mat-tul tal-vjaġġ bil-baħar.

Parti I:

Kaxxa I.11: *Post tal-oriġini*: l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment minn fejn intbagħtu. Niżżel in-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni.

Kaxxa I.12: *Post tad-destinazzjoni*: obligatorju fil-każ li l-animali jkunu ddestinati għal korp, istitut jew ċentru approvat bi qbil mal-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE.

Kaxxa I.25: *Komoditajiet iċċertifikati għal*: immarka

- "Animali domestiċi" meta jkunu qegħdin jinġarru klieb (*Canis lupus familiaris*), qtates (*Felis silvestris catus*) jew inmsa (*Mustela putorius furo*) skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- "Korpi approvati" meta jkunu qegħdin jinġarru klieb, qtates jew inmsa skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE lejn korp, istitut jew ċentru approvat kif iddefinit fl-Artikolu 2(c) ta' dik id-Direttiva;
- "oħrajn" meta jkunu qegħdin jinġarru klieb, qtates jew inmsa skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE.

Kaxxa I.28: *Sistema ta' identifikazzjoni*: agħżel transponder jew tatwaġġ.

Numru tal-identifikazzjoni: indika l-kodiċi alfanumeriku tat-transponder jew tat-tatwaġġ.

Parti II:

(¹) Żomm skont ir-rilevanza.

(²) Kull tilqim mill-ġdid għandu jitqies bħala tilqim primarju jekk ma jkunx ingħata waqt il-perjodu ta' validità tat-tilqim preċedenti.

(³) Maċ-ċertifikat għandha tinhemeż kopja ċċertifikata tad-dettalji tat-tilqim u tal-identifikazzjoni tal-animali kkonċernati.

(⁴) It-test ta' titrazzjoni għall-antikorpi tar-rabja msemmi fil-punt II.3:

- irid isir fuq kampjun miġbur minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti, mill-inqas 30 jum wara d-data tat-tilqima u tliet xhur qabel id-data tal-importazzjoni;
- irid ikollu livell ta' antikorpi li jinnewtralizzaw il-virus tar-rabja fis-serum ekwivalenti għal 0,5 IU/ml jew aktar;

PAJJIŻ

Importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, ta' qtates, u ta' inmsa

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>— irid isir minn laboratorju approvat skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE (il-lista tal-laboratorji approvati tinsab hawn http://ec.europa.eu/food/animals/pet-movement/approved-labs_en);</p> <p>— ma hemmx għalfejn jerġa' jsir fuq annimal li, wara li jkun sarlu t-test u ħarġu riżultati tajbin, ikun tlaqqam mill-ġdid kontra r-rabja waqt il-perjodu ta' validità tat-tilqima preċedenti.</p> <p>Maċ-ċertifikat trid tinhemeż kopja tar-rapport uffiċjali mil-laboratorju approvat dwar ir-riżultati tat-testijiet għall-antikorpi tar-rabja msemmi fil-punt II.3.</p> <p>(⁵) Meta jiċċertifika dan ir-riżultat, il-veterinarju uffiċjali jkun qed jikkonferma li vverifika, bl-añjar mod li seta', u fejn meħtieġ billi għamel kuntatt mal-laboratorju indikat fir-rapport, l-awtentiċità tar-rapport tal-laboratorju dwar ir-riżultati tat-test ta' titrazzjoni għall-antikorpi msemmi fil-punt II.3.</p> <p>(⁶) B'rabta man-nota f'qiegħ il-paġna (³), qabel ma jibda jimtela dan iċ-ċertifikat, jew jingħata ebda tilqim, jew, fejn hemm bżonn, isir xi ttestjar tal-annimali kkonċernati, irid jiġi vverifikat li l-annimali kienu mmarkati qabel it-3 ta' Lulju 2011, permezz tal-impjant ta' transponder jew permezz ta' tatwaġġ li jista' jinqara faċilment.</p> <p>(⁷) It-ttrattament kontra l-<i>Echinococcus multilocularis</i> msemmi fil-punt II.4 irid:</p> <p>— ikun amministrat minn veterinarju f'perjodu ta' mhux iktar minn 120 siegħa u mhux inqas minn 24 siegħa qabel il-ħin tad-dħul skedat tal-klieb f'wieħed mill-Istati Membri jew f'xi parti minnu, li huma elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878;</p> <p>— jikkonsisti minn prodott mediċinali approvat li fih id-doża xierqa ta' prazikwintel jew sustanzi farmakoloġikament attivi, li waħedhom jew flimkien, taw provi li jnaqqsu l-kwantità tal-forma intestinali, matura u immatura, tal-<i>Echinococcus multilocularis</i> fl-ispeċi ospitanti kkonċernata.</p> <p>(⁸) It-tabella msemmija fil-punt II.4 trid tintuża biex tiddokumenta d-dettalji ta' trattament addizzjonali jekk dan ikun ingħata wara d-data li fiha ġie ffirmat iċ-ċertifikat u qabel id-dħul skedat f'wieħed mill-Istati Membri jew f'xi parti minnu, li huma elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878.</p>		
<p>Veterinarju uffiċjali</p> <p>Isem (b'ittri kapitali):</p> <p>Data:</p> <p>Timbru:</p> <p>Kwalifika u titlu:</p> <p>Firma:</p>		

PARTI 2

Noti ta' spjegazzjoni dwar kif għandu jimtela ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali

- Fejn iċ-ċertifikat jiddikjara li ċerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu kif imiss, id-dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti jistgħu jiġu ingassati, inizjalati u ttimbrati mill-veterinarju uffiċjali, jew jitħassru għalkollox miċ-ċertifikat.
- L-oriġinal ta' kull ċertifikat tas-saħħa jrid ikun magħmul minn folja waħda jew, fejn ikun meħtieġ aktar test, irid ikun magħmul b'mod li l-folji kollha jiffurmaw ċertifikat sħiħ integrat li ma jkunx diviżibbli.
- Iċ-ċertifikat għandu jitħejja b'tal-inqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn jinsab il-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul tal-konsenja fl-Unjoni, u bil-lingwa tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. Madankollu, dawk l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-ħruġ taċ-ċertifikat bil-lingwa uffiċjali ta' Stat Membru ieħor, u jekk hemm bżonn ikollu traduzzjoni uffiċjali mehmuża miegħu.
- Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni tal-oġġetti fil-konsenja (skeda fil-punt I.28 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali), jinhemżu maċ-ċertifikat folji ta' karta addizzjonali jew dokumenti ta' appoġġ, dawk il-folji ta' karta jew dokument iridu jitqiesu ukoll bħala parti miċ-ċertifikat oriġinali billi jiġu ffirmati u ttimbrati fuq kull waħda mill-paġni mill-veterinarju uffiċjali.

- (e) Meta ċ-ċertifikat, inklużi l-folji jew id-dokumenti addizzjonali msemmija fil-punt (d), ikun magħmul minn aktar minn paġna waħda, fil-qiegħ ta' kull paġna jrid ikun hemm in-numru tal-paġna min-numru totali tal-paġni, u man-naħa ta' fuq tagħha jrid ikollha n-numru tar-referenza taċ-ċertifikat li jkun inġhata mill-awtorità kompetenti.
 - (f) Iċ-ċertifikat oriġinali għandu jimtela u jkun iffirmit minn veterinarju uffiċjali tat-territorju jew tal-pajjiż terz li jkun qed jesporta. L-awtorità kompetenti tat-territorju jew tal-pajjiż terz li qed jesporta għandha tiżgura li jiġu osservati r-regoli u l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 96/93/KE.
 - (g) Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għat-timbri li ma jkunux ibbuzzati jew b'marka tal-ilma.
 - (h) In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat imsemmi fil-kaxxi I.2 u II.a. għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tat-territorju jew tal-pajjiż terz esportatur.
-

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT